# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 66

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

8 ta' Frar 2022

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 66/01 Avviż tal-Kummissjoni — Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea tal-2022 ..... 1

2022/C 66/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10432 — PTTGC / ALLNEX) [1] ..... 25

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 66/03 Rata tal-kambju tal-euro — Is-7 ta' Frar 2022 ..... 26

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2022/C 66/04 Nota ta' tagħrif — Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju: Informazzjoni dwar miżuri adottati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikoli 4, 6, 7, 9, 11, 12, 22 u 23 ..... 27

MT

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 66/05 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10574 - ADVENT / CALDIC) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) | 61 |
| 2022/C 66/06 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10570 - ADVENT / PERMIRA / MCAFEE) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) | 63 |


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI**

**Il-programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea tal-2022**

(2022/C 66/01)

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea ([1]), il-Kummissjoni trid tadotta "programm ta' ħidma annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea".

Dan l-Avviż tal-Kummissjoni jidentifika l-istandards Ewropej u r-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li l-Kummissjoni biħsiebha titlob għall-2022, kif ukoll l-objettivi u l-politiki speċifiċi għal dawn l-istandards u r-riżultati (ara l-Anness).

Din l-azzjoni dwar l-istandardizzazzjoni tal-UE hi inkorporata fil-politiki tal-UE. Tappoġġa l-politiki ta' implimentazzjoni bħal:

— it-tranżizzjonijiet doppji ekoloġiċi u diġitali;

— is-suq uniku;

— is-suq uniku diġitali;

— is-suq uniku għas-servizzi;

— il-programm spazjali;

— is-swieq interni għall-gassijiet rinnovabbli u naturali u għall-idroġenu;

— l-effiċjenza enerġetika u l-klima; kif ukoll

— il-kummerċ internazzjonali.

L-istandards jappoġġaw dawn il-politiki biex jiżguraw li l-prodotti u s-servizzi tal-UE jkunu kompetittivi mad-dinja kollha u jirriflettu l-aktar kunsiderazzjonijiet avvanzati għas-sikurezza, għas-saħħa u għall-ambjent u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Il-Kummissjoni tadotta dan l-Avviż flimkien ma' Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni.

Il-Komunikazzjoni tidentifika l-prijoritajiet ta' standardizzazzjoni ("urġenzi"). F'dawn l-oqsma, hemm ħtieġa urġenti għal standards u riżultati tal-istandardizzazzjoni biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-UE ta' suq uniku ekoloġiku, diġitali u reżiljenti. Dan il-programm ta' ħidma annwali tal-UE jkopri dawk il-prijoritajiet ta' standardizzazzjoni, li jinkludu:

— Jiġu riveduti l-istandards eżistenti biex jidentifikaw il-ħtiġijiet għar-reviżjonijiet jew għall-iżvilupp ta' standards ġodda biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tad-Deċennju Diġitali Ewropew u tiġi appoġġata r-reżiljenza tas-suq uniku tal-UE.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.).

— Produzzjoni tal-vaċċini u tal-mediċini kontra l-COVID-19

— Materja prima kritika għall-batteriji u għall-iskart tal-batteriji

— Reżiljenza għall-klima tal-infrastruttura u s-siment b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

— Teknoloġiji u komponenti tal-idroġenu

— Trasport u ħżin tal-idroġenu

— Standards għaċ-ċertifikazzjoni ta' ċipep f'termini ta' sigurtà, ta' awtentiċità, ta' affidabbiltà

— Kuntratti intelliġenti għall-ispazji tad-*data*

Barra mill-emerġenzi stabbiliti mill-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni, l-Anness ta' dan l-Avviż fih azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni ta' standards Ewropew jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea, li huma meħtieġa, u addattati għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni.

Internazzjonalment, il-Kummissjoni se tissokta l-kooperazzjoni tagħha dwar l-istandardizzazzjoni mal-Istati Uniti fil-Grupp ta' Ħidma 1 — Standards Teknoloġiċi tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u se tikkollabora fuq standards tekniċi fi ħdan il- "Grupp ta' Sebgħa" tal-G7. Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-ħidma tal-Pjattaforma ta' Diversi Partijiet Ikkonċernati dwar l-ICT fil-ħidma ta' identifikazzjoni tagħhom għall-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni permezz tal-Pjan Kontinwu għall-Istandardizzazzjoni tal-ICT ([2]).

Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll l-istandardizzazzjoni bħala parti essenzjali mill-kapitolu dwar l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'kull ftehim ta' kummerċ ħieles li tinnegozja.

([2]) https://joinup.ec.europa.eu/collection/rolling-plan-ict-standardisation/rolling-plan-2021

*ANNESS*

Urġenzi ta' standardizzazzjoni stabbiliti mill-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni

| Ref | Titolu | Referenza | Standards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | Objettivi u politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Rieżami tal-istandards eżistenti biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet għar-reviżjonijiet jew għall-iżvilupp ta' standards ġodda biex jiġu ssodisfati l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tad-Deċennju Diġitali tal-Ewropa u biex tiġi appoġġata r-reżiljenza tas-suq uniku tal-UE. | Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final<br>Il-Kumpass Diġitali tal-2030:l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali, COM/2021/118 final<br>Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020:Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM/2021/350 final | Tiġi żviluppata metodoloġija, l-ewwel eżerċizzju ta' skrinjar u kampjun ta' standards eżistenti biex dawn jiġu rieżaminati fid-dawl tal-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fid-Deċennju Diġitali tal-Ewropa u f'suq uniku reżiljenti. | Isir kontribut għall-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea, pereżempju l-ebda emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050 jew li 75 % tal-kumpaniji tal-UE jkunu jistgħu jużaw għodod diġitali, bħall-cloud, l-intelliġenza artifiċjali jew il-big data. |
| 2 | Produzzjoni ta' vaċċini u ta' mediċini kontra l-COVID-19 | Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill Front magħqud biex negħlbu l-COVID-19<br>COM/2021/35 final | Jiġu żviluppati standards Ewropej biex jiġi stabbilit sett standard ta' *data* sabiex jiġi inkluż fil-formola li jkun fiha d-dettalji tar-riżultati tat-testijiet tal-COVID-19. Tiġi esplorata l-fattibbiltà li jiġu stabbiliti standards għal oġġetti li jintużaw darba biss meħtieġa għall-produzzjoni ta' vaċċini u ta' prodotti terapewtiċi sabiex tissaħħaħ l-interoperabbiltà ta' komponenti ewlenin tal-produzzjoni u sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' tfixkil fil-produzzjoni f'każ ta' skarsezzi ta' dawn il-materjali | Tiżdied il-produzzjoni tal-vaċċini u tal-mediċini tal-COVID-19, tal-provvisti u tal-informazzjoni. |
| 3 | Materja prima kritika għall-batteriji u għall-iskart ta' batteriji | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 COM (2020) 798 final and 2020/0353(COD) | Jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti u jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda għall-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u għall-iskart ta' batteriji.<br>Ir-reviżjoni se tikkonċerna: ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja effiċjenti fl-użu tal-materjali u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid ta' flussi ta' skart ewlenin (skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, inkluż pannelli fotovoltajċi), skart ta' batteriji, vetturi li ma għadhomx jintużaw u skart tal-imtieħen tar-riħ.<br>ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-UE kollha għal materja prima sekondarja. | L-istandards se jikkontribwixxu għall-valorizzazzjoni tal-materja prima fil-prodotti tal-iskart permezz tar-riċiklaġġ, bħall-batteriji, u t-tnaqqis tal-ħtieġa għal materja prima ġdida f'applikazzjonijiet kritiċi. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE billi jittaffa r-riskju tal-provvista għall-materja prima. |

Urġenzi ta' standardizzazzjoni stabbiliti mill-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni

| Ref | Titolu | Referenza | Standards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | Objettivi u politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 4 | Reżiljenza għall-klima tal-infrastruttura u tas-siment b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju | COM(2021)82 Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima -il-punt 2.3.2 u COM(2020) 662 dwar Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja – – | Tiġi riveduta firxa usa' ta' standards għall-assi (inkluż dawk mhux infrastrutturali) li huma vulnerabbli għall-impatti klimatiċi, skont l-għarfien l-aktar avvanzat - biex tittejjeb ir-reżiljenza tagħhom għall-klima.<br><br>Jiġu żviluppati standards li jappoġġaw soluzzjonijiet tekniċi għall-adattament għat-tibdil fil-klima, biex tiġi ffaċilitata u aċċellerata l-adozzjoni tagħhom madwar l-UE. | Tittejjeb ir-reżiljenza għall-klima tal-istokk tal-infrastruttura eżistenti u ta' proġetti infrastrutturali ewlenin ġodda.<br><br>Peress li s-siment huwa komponent essenzjali tas-settur tal-kostruzzjoni, se ssir valutazzjoni dwar il-potenzjal tiegħu biex isir prodott għall-bini b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju - f'konformità sħiħa mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. |
| 5 | Teknoloġiji u komponenti tal-idroġenu | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq interni għall-gassijiet rinnovabbli u naturali u għall-idroġenu (riformulazzjoni)<br><br>COM/2021/804 final | Jiġu żviluppati standards Ewropej dwar il-kwalità, it-teknoloġija u s-sikurezza – biex jiġi appoġġat il-varar tas-suq uniku għall-idroġenu. | Tittejjeb il-provvista ta' punti tal-iċċarġjar u l-manutenzjoni tagħhom. |
| 6 | Trasport u ħżin tal-idroġenu | Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli<br><br>COM/2021/557 final<br>Proposta għal Regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013<br><br>COM/2020/824 final<br>Id-Direttiva (UE) 2019/692 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali<br><br>Ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika | Jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti u/jew l-iżvilupp ta' standards Ewropej ġodda għall-kwalità u s-sikurezza tal-gass - rilevanti għall-injezzjoni fil-grilja tal-gass u għal użi finali oħra, kif ukoll għall-kwalità tal-fjuwils ibbażati fuq l-idroġenu. | Tiġi ffaċilitata u promossa l-espansjoni tal-metodi tat-trasport u tal-ħżin għall-idroġenu, filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza u l-effiċjenza operazzjonali tan-networks tal-gass u jiġu evitati ostakli mhux intenzjonati. |

| Urġenzi ta' standardizzazzjoni stabbiliti mill-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija ta' Standardizzazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | Standards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | Objettivi u politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 7 | Standards għaċ-ċertifikazzjoni ta' ċipep f'termini ta' sigurtà, awtentiċità, affidabbiltà | Deċennju Diġitali tal-Ewropa: miri diġitali għall-2030<br>Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali | Jiġu żviluppati standards b'appoġġ għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċipep biex jiġi żgurat li dawn ikunu siguri, awtentiċi u affidabbli. | Jiġu żgurati rekwiżiti ta' fiduċja u ta' ċibersigurtà ta' apparati, ta' sistemi u ta' pjattaformi ta' konnettività intelliġenti futuri li se jiddependu fuq l-elettronika avvanzata u se jiddependu ħafna fuq il-karatteristiċi tat-teknoloġija sottostanti.<br>L-istandards se jappoġġaw iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn iċ-ċipep għall-fiduċja u għas-sigurtà u se jkopru l-katina tal-valur sal-integrazzjoni fil-prodotti finali. |
| 8 | Kuntratti intelliġenti għall-ispazji tad-*data* | L-Att dwar id-*Data* (inkluż ir-rieżami tad-Direttiva 96/9/KE dwar il-protezzjoni legali ta' bażi tad-*data*)<br>Regolament li jistabbilixxi qafas għall-użu tad-*data* fl-UE<br>Ara l-inizjattivi ppubblikati fi: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13045-Data-Act-&-amended-rules-on-the-legal-protection-of-databases_mt | Jiġu żviluppati standards li jissodisfaw ċerti rekwiżiti essenzjali għal kuntratti intelliġenti, kif stabbilit fl-Att dwar id-*Data* li jmiss.<br>Kuntratt intelliġenti li jissodisfa l-istandard irid jiġi preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali. | Jiġi żgurat li l-kuntratti intelliġenti użati għall-kondiviżjoni tad-*data* jkunu affidabbli u interoperabbli, sabiex ikunu jistgħu jintużaw biex jappoġġaw l-iskambju u l-ġbir tad-*data*.<br>Fl-Ewropa, id-*data* mhijiex ikkonċentrata fuq pjattaformi ta' teknoloġiji kbar iżda tibqa' distribwita f'ħafna postijiet. Skont l-Istrateġija tad-*Data* tagħha, l-UE tgħin lill-kumpaniji jiġbru d-*data* għal, pereżempju, algoritmi ta' taħriġ ta' apprendiment awtomatiku u applikazzjonijiet fil-kura tas-saħħa, fit-trasport u fl-enerġija. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 9 | Servizzi ta' manifattura avvanzata | Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern għal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti u COM(2020) 66 Strateġija Ewropea għad-*data* | Jiġu żviluppati standards Ewropej biex jiġi appoġġat il-forniment ta' servizzi u tad-*data* relatati mar-robots, mal-ġestjoni tal-katina tal-provvista industrijali u mal-manutenzjoni predittiva tal-makkinarju tan-network. | Jittejjeb il-forniment ta' servizzi transfruntiera fis-suq uniku u l-appoġġ tat-trasparenza tat-tranżazzjonijiet tal-katina tal-provvista. |
| 10 | Servizzi ta' kostruzzjoni | Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern | Jiġu żviluppati standards Ewropej biex jappoġġaw il-forniment ta' servizzi transfruntiera fl-oqsma tal-kostruzzjoni eż. bħas-servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija kif ukoll servizzi relatati mal-effiċjenza enerġetika tal-bini. | Jittejjeb il-forniment ta' servizzi transfruntiera fis-suq uniku. |
| 11 | Servizzi postali | Id-Direttiva 97/67/KE dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz; Id-Direttiva 2002/39/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji; Id-Direttiva 2008/6/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji u r-Regolament (UE) 2018/644 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini | Jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti u/jew jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew tar-riżultati Ewropej tal-istandardizzazzjoni ġodda f'oqsma bħall-kwalità tas-servizz u d-diġitalizzazzjoni. | Tittejjeb il-kwalità tas-servizz u tiġi promossa l-interoperabbiltà bejn in-networks nazzjonali u servizz universali effiċjenti fi ħdan is-suq uniku. |
| 12 | Rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, inkluż l-ICT | Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi u d-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku | Jiġu żviluppati standards għar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882, bħal:<br>— rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni;<br>— interfaċċa tal-utent u disinn tal-funzjonalità; servizzi ta' appoġġ; imballaġġ tal-prodott;<br>— struzzjonijiet għall-installazzjoni, il-manutenzjoni, il-ħżin u r-rimi tal-prodott;<br>— tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-prodotti użati fil-forniment tas-servizz; | Jiġi ffaċilitat l-użu minn persuni b'diżabilità tal-prodotti u tas-servizzi tal-ICT – bħal terminals self-service, applikazzjonijiet, siti web/pjattaformi, servizzi online u komunikazzjoni online mas-servizzi ta' emerġenza u servizzi oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| | | | — iffaċilitar tal-użu ta' dawn is-servizzi minn persuni b'diżabilità: għoti ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tas-servizz, forniment ta' servizzi li huma ottimali għall-użu minn persuni b'diżabilità, u definizzjoni ta' kriterji ta' prestazzjoni funzjonali għal dan.<br>Jiġu żviluppati standards armonizzati għas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għall-postijiet fejn jiġu pprovduti s-servizzi. | |
| 13 | Ġestjoni tat-traffiku spazjali u użu tad-*data* spazjali mis-suq | Ir-Regolament (UE) 2021/696 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali | Jiġu żviluppati standards Ewropej għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali.<br>Jiġu żviluppati standards Ewropej biex jappoġġaw l-użu mill-utenti u mis-suq tad-*data* u tas-servizzi spazjali pprovduti mill-Programm Spazjali tal-UE (Galileo, EGNOS, Copernicus, SSA, GOVATCOM). | Biex:<br>(1) jitnaqqsu r-riskji operazzjonali attwali u futuri u biex titħares l-infrastruttura spazjali Ewropea;<br>(2) jiżdied l-użu mill-utenti u mis-suq tad-*data* u tas-servizzi spazjali, billi tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom f'diversi setturi.<br>Dawn jinkludu karozzi awtonomi u konnessi, ferroviji, avjazzjoni, vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord, tagħmir speċjalizzat għall-utenti. |
| 14 | Kwalità tal-arja fl-ambjent - Prestazzjoni tas-sistemi bbażati fuq is-sensuri li jkejlu t-tniġġis tal-arja | L-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 u l-Anness I tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent | Jiġi żviluppat standard/Jiġu żviluppati standards tat-test ivvalidat(i) biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tas-sistemi bbażati fuq is-sensuri li jkejlu t-tniġġis tal-arja.<br>L-istandard se jevalwa jekk is-sistemi bbażati fuq is-sensuri jikkonformawx mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* fid-Direttiva 2008/50/KE. | Jittejbu l-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-arja fl-ambjent billi jiġi evalwat sa liema punt is-sistemi bbażati fuq is-sensuri jikkonformaw mal-objettivi tal-kwalità tad-*data* fid-Direttiva 2008/50/KE.<br>L-istandard(s) se jippermetti(u) wkoll użu aktar estensiv ta' dan il-metodu ta' monitoraġġ u għalhekk valutazzjoni mtejba tal-kwalità tal-arja. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 15 | Kwalità tal-arja fl-ambjent – valutazzjonijiet ibbażati fuq l-immudellar | L-Artikoli 6 u 7 u l-Anness I tad-Direttiva 2008/50/KE | Jiġu żviluppati standards li jiżguraw li l-valutazzjonijiet ibbażati fuq l-immudellar tal-kwalità tal-arja jkunu oġġettivi, affidabbli u komparabbli, u ta' kwalità suffiċjenti biex jiġġeneraw informazzjoni affidabbli dwar il-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-arja tal-ambjent. | Jiġi żgurat li l-informazzjoni miġbura dwar it-tniġġis tal-arja tkun rappreżentattiva u komparabbli biżżejjed madwar l-UE. |
| 16 | Kwalità tal-arja fl-ambjent - metodi ta' kejl għall-monitoraġġ tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-ambjent | L-Artikolu 4(1), (8) u (13) u l-Anness V tad-Direttiva 2004/107/KE dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali | Jiġu żviluppati standards għall-metodi ta' referenza għall-kejl tal-konċentrazzjonijiet fl-arja ambjentali tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi. | Jiġi żgurat li l-analiżi tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali tkun preċiża, affidabbli u komparabbli madwar l-UE. |
| 17 | Emissjonijiet industrijali | Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) | Jiġu żviluppati standards Ewropej biex jiġu żgurati l-kampjunar u l-analiżi ta' sustanzi niġġiesa rilevanti u l-kejl tal-parametri ta' proċess, kif ukoll il-garanzija tal-kwalità tas-sistemi ta' kejl awtomatizzati u l-metodi ta' kejl ta' referenza biex jiġu kkalibrati dawk is-sistemi. | Jitnaqqas – u sa fejn hu possibbli jiġi eliminat – it-tniġġis li jinħoloq minn attivitajiet industrijali. |
| 18 | Skart isseparat ta' materjali tal-plastik u plastik riċiklat | L-azzjoni tal-Anness I tal-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari COM(2018)28 Azzjonijiet li jagħtu spinta lill-kontenut riċiklat: – żvilupp ta' standards ta' kwalità għal skart isseparat ta' materjali tal-plastik u plastik riċiklat b'kooperazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda u riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea u jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti biex jiġu indirizzati kwistjonijiet proċedurali u infrastrutturali għar-riċiklaġġ tal-plastik – biex tiġi appoġġata l-kwalità tal-katina tal-valur tar-riċiklaġġ tal-plastik.<br><br>Dawn l-istandards għandhom jistabbilixxu rekwiżiti dwar ir-riċiklabbiltà tal-prodotti tal-plastik, il-kwalità tal-iskart isseparat ta' materjali tal-plastik u l-kwalità tal-plastik riċiklat, filwaqt li jqisu l-applikazzjoni maħsuba tagħhom fil-prodotti wara r-riċiklaġġ. | Jiġi offrut plastik riċiklat li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-marki tal-prodotti u tal-manifatturi għal provvista affidabbli u ta' volum għoli ta' materjali bi speċifikazzjonijiet ta' kwalità kostanti. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 19 | Materjali f'kuntatt mal-ilma tax-xorb | ID-DIRETTIVA (UE) 2020/2184 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda fir-rigward ta' metodi analitiċi għad-determinazzjoni ta' sustanzi li jemigraw minn materjali u minn metodi għall-ittestjar tal-materjali finali f'kuntatt mal-ilma tax-xorb. | Titħares il-kwalità tal-ilma tax-xorb u tas-saħħa pubblika.<br>Il-materjali f'kuntatt mal-ilma tax-xorb jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità tiegħu (eż. permezz ta' sustanzi lixxivjanti).<br>Jeħtieġ li jiġu żviluppati metodi analitiċi u ta' ttestjar biex jiġi żgurat li l-materjali finali f'kuntatt mal-ilma tax-xorb ikunu sikuri. |
| 20 | Trattament tal-ilma mormi | Id-Direttiva tal-Kunsill dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (91/271/KEE) u r-Regolament (UE) Nru 305/2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 568/2014, bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 574/2014 u bir-Regolament (UE) 2019/1020 | Jiġi rivedut l-istandard eżistenti EN 12566: Sistemi żgħar ta' trattament tal-ilma mormi sa 50 PT f'seba' partijiet. | Jittejjeb il-ħarsien tal-ambjent u jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa. |
| 21 | Refriġeranti naturali | Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 | Jiġi żviluppat standard ġdid dwar ir-rekwiżiti u l-proċess tal-analiżi tar-riskju għal sistemi ta' refriġerazzjoni mħaddma b'refriġeranti li jaqbdu li jintużaw fit-trasport bit-triq ta' oġġetti sensittivi għat-temperatura.<br>Jiġu riveduti EN 378-1, l-EN 378-2 u l-EN 378-3 u tinħoloq parti 5 kompletament ġdida dwar il-klassifikazzjoni tas-sikurezza u l-informazzjoni dwar ir-refriġeranti. | Jiġi żgurat użu aktar faċli u akbar tar-refriġeranti naturali fis-settur RAC, li jnaqqas l-impatt ambjentali ta' dan l-apparat.<br>Indirettament, dan jista' jagħmel lill-kumpaniji tal-UE f'dan is-settur aktar kompetittivi. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 22 | Prodotti fertilizzanti | Ir-Regolament (UE) 2019/1009 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020)612 dwar talba għal standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fir-rigward tal-prodotti fertilizzanti tal-UE b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2019/1009 | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda, jiġu aġġornati r-riżultati tal-istandardizzazzjoni eżistenti u jiġi adattat il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni li jimplimenta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2020)612 għat-twettiq ta' standards f'waqthom u l-aktar avvanzati. | Fertilizzanti magħmulin disponibbli fis-suq uniku u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi biex il-fertilizzanti magħmula minn dawn il-materjali riċiklati jew organiċi jsiru disponibbli fis-suq uniku kollu. |
| 23 | Sikurezza alimentari u nutrizzjoni tal-annimali | Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda fir-rigward ta' metodi analitiċi fil-qasam tan-nutrizzjoni tal-annimali fir-rigward ta':<br>— addittivi pprojbiti<br>— kontaminanti (metalli, tossini tal-pjanti, mikotossini)<br>— addittivi awtorizzati<br>— radjuattività<br>— materjali tal-imballaġġ | L-istabbiliment ta' metodi standardizzati ta' analiżi huwa ta' importanza kbira biex jiġu ggarantiti (i) applikazzjoni u kontroll uniformi tal-leġiżlazzjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha tal-UE u (ii) grad għoli ta' sikurezza tal-għalf u tal-ikel. |
| 24 | Kontaminanti tas-sikurezza alimentari fl-ikel | Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda fir-rigward ta' metodi analitiċi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel fir-rigward tal-ipproċessar tal-kontaminanti (bħall-akrilammid, il-perklorat, il-furani, it-3-monokloropopandiol, u l-esteri gliċidiliċi) fl-ikel. | L-istabbiliment ta' metodi standardizzati ta' analiżi huwa ta' importanza kbira biex jiġu ggarantiti (i) applikazzjoni u kontroll uniformi tal-leġiżlazzjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha tal-UE u (ii) grad għoli ta' sikurezza alimentari. |
| 25 | Sikurezza alimentari u metalli fl-ikel | Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda rigward il-metodi analitiċi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel fir-rigward tal-metalli (bħan-nikil, il-kromu VI) fl-ikel | L-istabbiliment ta' metodi standardizzati ta' analiżi huwa ta' importanza kbira biex jiġu ggarantiti (i) applikazzjoni u kontroll uniformi tal-leġiżlazzjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha tal-UE u (ii) grad għoli ta' sikurezza alimentari. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 26 | Sikurezza alimentari u l-mikotossini u t-tossini tal-pjanti fl-ikel | Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda rigward il-metodi analitiċi fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-ikel fir-rigward tal-mikotossini u t-tossini tal-pjanti fl-ikel | L-istabbiliment ta' metodi standardizzati ta' analiżi huwa ta' importanza kbira biex jiġu ggarantiti (i) applikazzjoni u kontroll uniformi tal-leġiżlazzjoni Ewropea fl-Istati Membri kollha tal-UE u (ii) grad għoli ta' sikurezza alimentari. |
| 27 | Protezzjoni tal-bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa u tal-bastimenti li jużaw il-gass bħala propellant | Id-Direttiva 2014/90/UE dwar tagħmir tal-baħar | Jiġi żviluppat standard Ewropew ġdid għall-ittestjar ta' sistemi fissi tat-tifi tan-nar bi trab kimiku niexef u ta' sistemi tat-tifi tan-nar relatati, biex jiġu protetti bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa u bastimenti li jużaw il-gass bħala propellant. | Tittejjeb is-sikurezza marittima.<br>L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali qiegħda tirrevedi l-linji gwida tagħha għall-approvazzjoni ta' sistemi fissi tat-tifi tan-nar bi trab kimiku niexef għall-protezzjoni ta' bastimenti li jġorru gassijiet likwifikati bl-ingrossa.<br>Iżda sa issa, ma hemm l-ebda standard ta' ttestjar ivvalidat għal test tan-nar tal-"jet" u/jew tal-"cable tray". L-iżvilupp ta' dan l-istandard, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-ISO, għandu jtejjeb is-sikurezza marittima mhux biss għat-tankers tal-gass iżda wkoll għall-vapuri tal-passiġġieri li jaħdmu bil-gass. |
| 28 | *Data* relatata mal-klima | Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM/2021/82 final u COM(2020) 66 Strateġija Ewropea għad-*Data* | Jiġu żviluppati standards li jiżguraw li d-*data* kemm mis-settur privat kif ukoll mis-settur pubbliku tiġi reġistrata, miġbura u kondiviża b'mod komprensiv u uniformi. | Tittejjeb l-akkuratezza tal-valutazzjoni tar-riskju relatat mal-klima billi tiġi pprovduta *data* li tikkwantifika t-telf minn diżastri. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 29 | Valutazzjoni dinamika taċ-ċiklu tal-ħajja għall-istima tal-assorbimenti tal-karbonju fil-prodotti għall-bini | COM (2021) 572 L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti Taqsima 2.1. u COM (2021) 800 Ċikli tal-karbonju sostenibbli. Taqsima 3.1. | Jiġi żviluppat qafas standardizzat ta' valutazzjoni dinamika taċ-ċiklu tal-ħajja biex jitqiesu b'mod aktar akkurat l-assorbimenti tal-karbonju assoċjati mal-ħżin tal-karbonju fil-prodotti għall-bini. | L-objettiv ewlieni huwa li jiġi rifless aħjar il-progress li sar fil-valutazzjoni dinamika taċ-ċiklu tal-ħajja biex il-ħżin tal-karbonju jiġi rikonoxxut fi standards għall-prodotti għall-bini, prinċipalment meta jintużaw fatturi ta' karatterizzazzjoni dipendenti fuq iż-żmien applikati għall-inventarju dinamiku taċ-ċiklu tal-ħajja. |
| 30 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-kompjuters | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers informatiċi | Jiġu riveduti standards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-kompjuters u għas-servers, permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku rikonoxxut. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-kompjuters u tas-servers tal-kompjuters. |
| 31 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-apparat għat-tisjir | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 66/2014 tal-14 ta' Jannar 2014 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-fran domestiċi, għall-ħobbs domestiċi u għall-estratturi tal-kukers domestiċi | Jiġu riveduti standards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-apparat għat-tisjir. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-apparat għat-tisjir. |
| 32 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2021 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi skont id-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn jidħol it-tikkettar tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi li jkopru funzjoni ta' kodifikazzjoni b'medda dinamika qawwija (HDR) u livelli ta' riżoluzzjoni ogħla minn 4k (jew HD), jiġi ffissat metodu ta' ttestjar speċifiku għall-imġibiet tal-ABC, u jiġu adattati l-metodi ta' verifika għall-kontenut tal-addittivi tal-plastik. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-unitajiet tal-wiri elettroniċi (televiżjonijiet, monitors), li jkopri l-livelli tal-HDR u tar-riżoluzzjonijiet 'il fuq minn 4k (jew HD), billi jiġi stabbilit metodu ta' ttestjar speċifiku għall-ABC u jiġu adattati l-metodi ta' verifika għall-kontenut tal-addittivi tal-plastik. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 33 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2020 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għas-sorsi tad-dawl u t-tagħmir ta' kontroll separat skont id-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2015 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda li jkopru l-proċeduri u l-metodi għall-kejl tal-parametri meħtieġa għal:<br>— bozoz fluworexxenti u bozoz bi skarika ta' intensità għolja<br>— ballasts li kapaċi jħaddmu dawn il-bozoz<br>— lampi li kapaċi jħaddmu dawn il-bozoz<br>— lampi għad-dawl tal-uffiċċju<br>lampi għad-dwal fit-toroq. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-sorsi tad-dawl, bi stima ta' ffrankar tal-enerġija finali annwali ta' 41,9 TWh fl-2030. |
| 34 | Ekodisinn u tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post lokali | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 tat-28 ta' April 2015 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u, r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1186 tat-24 ta' April 2015 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post lokali | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-post lokali. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jiġi limitat iżjed l-impatt ambjentali tal-ħiters tal-post lokali. |
| 35 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija ta' apparat refriġeranti | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2019 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-apparat refriġeranti skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 643/2009 | — Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żvilup-pati standards ġodda għall-apparat refriġeranti, biex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-apparat refriġeranti, b'ammont stmat ta' 10 TWh f'iffrankar tal-enerġija finali annwali fl-2030. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 36 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija ta' apparat refriġeranti b'funzjoni ta' bejgħ dirett | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2024 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għall-apparat refriġeranti b'funzjoni ta' bejgħ dirett skont id-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2018 tal-11 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija ta' apparat refriġeranti b'funzjoni ta' bejgħ dirett | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-apparat refriġeranti b'funzjoni ta' bejgħ dirett li jkopru l-metodi u l-kalkoli għall-kejl tal-parametri meħtieġa. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-apparat refriġeranti b'funzjoni ta' bejgħ dirett, li jiffranka madwar 48 TWh tal-enerġija finali annwali fl-2030. |
| 37 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-vacuum cleaners | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-vacuum cleaners | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-vacuum cleaners biex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott, permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-vacuum cleaners matul il-fażi tal-użu tagħhom. |
| 38 | Ekodisinn u tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-post | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati u r-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari. | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati biex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott.<br>Permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jiġu standardizzati l-konsum tal-enerġija, il-livell tal–potenza akustika u r-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati madwar l-UE.<br>Dan għandu jgħin biex is-suq uniku jopera aħjar u biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' dawn il-prodotti |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 39 | Ekodisinn u tikkettar enerġetiku tal-ħiters tal-ilma | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 814/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-misħun kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016 u r-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari. | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-ħiters tal-ilma u għat-tankijiet tal-misħun, biex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jiġu standardizzati l-konsum tal-enerġija, il-livell tal-potenza akustika u r-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu għall-ħiters tal-ilma, u r-rekwiżiti għat-telf permanenti mit-tankijiet tal-misħun madwar l-UE.<br>Dan għandu jgħin biex is-suq uniku jopera aħjar u tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' dawn il-prodotti. |
| 40 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-ismartphones u tat-tablets | Ir-Regolament tal-Kummissjoni PLAN/2020/9213 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones u t-tablets u ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni PLAN/2020/9217 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-ismartphones u t-tablets | Jiġu żviluppati standards ġodda għall-ismartphones u għat-tablets, biex jiġi appoġġat il-kejl u l-kalkolu tal-parametri rilevanti tal-prodotti - permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jitnaqqsu l-impatti ambjentali assoċjati mal-ismartphones u mat-tablets |
| 41 | Ekodisinn u tikkettar tal-enerġija tal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi) | Ir-Regolament tal-Kummissjoni PLAN/2020/7002 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni PLAN/2020/7007 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi) | Jiġu żviluppati standards ġodda għall-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi), biex jiġi appoġġat il-kejl u l-kalkolu tal-parametri rilevanti tal-prodotti - permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jitnaqqsu l-impatti ambjentali assoċjati mal-prodotti fotovoltajċi (moduli, invertituri u sistemi) |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 42 | Ekodisinn tal-kundizzjonaturi tal-arja arja-arja u tal-pompi tas-sħana | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2012 tas- 6 ta' Marzu 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-kundizzjonaturi tal-arja u l-fannijiet għall-użu personali kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016 | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-kundizzjonaturi tal-arja arja-arja u għall-pompi tas-sħana, permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-kundizzjonatur tal-arja arja-arja u tal-pompi tas-sħana fil-fażi tal-użu tagħhom, kif ukoll fil-livell tal-potenza akustika tagħhom. |
| 43 | Ekodisinn tal-muturi elettriċi | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 | Jiġi riveduti l-istandards eżistenti flimkien mal-elementi li ġejjin:<br>(1) l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż l-identifikazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' elementi terrestri rari f'muturi b'kalamita permanenti;<br>(2) il-livell tat-tolleranzi tal-verifika;<br>(3) il-metodu u l-klassijiet enerġetiċi għal muturi b'voltaġġ attribwit ogħla minn 1 000 V;<br>(4) kombinamenti ta' muturi u ta' sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli mibjugħin flimkien, kif ukoll sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli integrati (sistemi ta' trażmissjoni kompatti);<br>(5) iż-żieda ta' tipi oħra ta' muturi fil-kamp ta' applikazzjoni, inkluż il-muturi b'kalamita permanenti. | L-għoti ta' metodi ta' ttestjar li jistgħu jiġu ripetuti, riproduċibbli, kosteffettivi u relevanti għall-prattika għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tal-muturi elettriċi.<br>Bil-għan li titnaqqas ir-rata tat-telf tal-enerġija tagħhom, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija. |
| 44 | Ekodisinn ta' tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju | Abbozz ta' proposta għal REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/… li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-enerġija f'modalità mitfi, f'modalità stennija u f'modalità stennija man-network ta' tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 - PLAN/2016/444 | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju. | Jitnaqqas il-konsum tal-enerġija f'modalità mitfi u f'modalità stennija man-network tat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 45 | Ekodisinn tal-provvisti tal-enerġija esterni | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1782 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-provvisti tal-elettriku esterni skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009 | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-provvisti tal-enerġija esterni biex jiġi appoġġat il-kejl tal-parametri rilevanti tal-prodott.<br>Permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, akkurati u riproduċibbli li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar avvanzati rikonoxxuti. | L-objettiv ewlieni huwa li jiġi standardizzat il-konsum tal-enerġija tal-provvisti tal-enerġija esterni, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija. |
| 46 | Ekodisinn tal-fannijiet industrijali | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2011 tat- 30 ta' Marzu 2011 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ekodisinn għal fannijiet b'muturi ta' potenza elettrika input bejn 125 W u 500 kWkif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2013 tat-8 ta' Lulju 2013 u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/2282 tat-30 ta' Novembru 2016 | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda biex jiġi permess approċċ estiż tal-prodotti, b'mod partikolari billi jiġi definit għadd suffiċjenti ta' punti operatorji u metodu ta' interpolazzjoni/kalkolu u/jew kurva karatteristika.<br>Il-metodi ta' kejl dirett jiġu kkumplimentati b'metodi xierqa ta' kalkolu/interpolazzjoni u l-validità tagħhom tiġi kkwantifikata.<br>Metodi għall-fannijiet ta' ċirkolazzjoni u għal fannijiet kbar ta' kumdità u għal fannijiet kbar eż. permezz ta' estrapolazzjoni minn mudelli skalati. | Jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar ripetibbli, riproduċibbli, kosteffettivi u rilevanti għall-prattika għall-kejl tal-konsum tal-enerġija ta' fannijiet industrijali.<br>Bil-għan li titnaqqas ir-rata tat-telf tal-enerġija tagħhom, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija. |
| 47 | Ekodisinn tas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli | Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1781 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal muturi elettriċi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 641/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit u indipendenti u għaċ-ċirkolaturi mingħajr tqalfit integrati fi prodotti u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 640/2009 | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti flimkien mal-elementi li ġejjin:<br>(1) L-indirizzar tat-telf tas-sistema direttament assoċjat mas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli, b'mod partikolari t-telf ikkawżat upstream fil-grilja meta l-kurrent tal-input ma jkunx sinusojdali, u t-telf armoniku kkawżat downstream fil-mutur; | Jiġu pprovduti metodi ta' ttestjar ripetibbli, riproduċibbli, kosteffettivi u relevanti għall-prattika għall-kejl tal-konsum tal-enerġija/tat-telf tas-sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli.<br>Bil-għan li jitnaqqsu r-rati tat-telf tal-enerġija, u b'hekk isir kontribut għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-iffrankar tal-enerġija. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| | | | (2) il-livell tat-tolleranzi tal-verifika;<br>(3) jekk applikabbli, iż-żieda ta' klassijiet enerġetiċi biex jitheġġu sistemi ta' trażmissjoni aktar effiċjenti;<br>(4) l-istabbiliment ta' rekwiżiti għal kombinamenti ta' muturi u sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli mibjugħin flimkien, kif ukoll għal sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli integrati (sistemi ta' trażmissjoni kompatti);<br>(5) iż-żieda ta' tipi oħra ta' sistemi ta' trażmissjoni b'veloċità varjabbli fil-kamp ta' applikazzjoni. | |
| 48 | Interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja | Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (riformulazzjoni) u COM(2020) 66 Strateġija Ewropea għad-data. | Jiġu aġġornati l-istandards Ewropej eżistenti u jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda relatati (b'mod partikolari, iżda mhux biss):<br>— mat-trasport tal-merkanzija fuq aspetti ġenerali tal-katina tal-valur tal-loġistika;<br>— mas-sistemi ta' komunikazzjoni bejn il-ferrovija u l-art;<br>— mad-diġitalizzazzjoni u mal-awtomatizzazzjoni, mal-multimodalità u mal-mobbiltà bħala servizz;<br>— maċ-ċibersigurtà;<br>— mas-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju u l-operat awtomatiku tal-ferrovija (ibbażat fuq il-5G);<br>— mal-akkoppjament awtomatiku diġitali għall-vaguni tal-merkanzija u soluzzjonijiet innovattivi għat-trasport intermodali u kkombinat;<br>— maċ-ċertifikazzjoni virtwali;<br>— mal-manutenzjoni bbażata fuq il-kundizzjoni;<br>— mal-użu ta' materjali ġodda u fjuwils alternattivi. | Jiġu appoġġati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà u l-arkitettura tas-sistema ferrovjarja, inkluż id-diġitalizzazzjoni (għall-operazzjonijiet effiċjenti tal-ferroviji u għall-benefiċċji għall-utenti), l-awtomatizzazzjoni u ċ-ċibersigurtà. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| | | | Titqies il-konnessjoni tad-*data* mad-*data* Ewropea dwar il-mobbiltà permezz tal-akkomunament u tal-kondiviżjoni tad-*data* minn bażijiet tad-*data* eżistenti u futuri dwar it-trasport u l-mobbiltà. | |
| 49 | Apparati mediċi u apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* | Ir-Regolament (UE) 2017/745 dwar apparati mediċi (MDR)<br><br>Ir-Regolament (UE) 2017/746 dwar Apparati Mediċi Dijanjostiċi *In Vitro* (IVDR) | Jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti u jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda għad-disinn u l-manifattura ta':<br>— apparati mediċi koperti mir-Regolament (UE) 2017/745 (MDR)<br>— apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* koperti mir-Regolament (UE) 2017/746 (IVDR)<br><br>L-istandards se japplikaw għad-disinn u għall-manifattura, għall-ġestjoni tar-riskju u għall-obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi u fuq l-isponsers – inklużi dawk relatati:<br>— mas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità<br>— mal-ġestjoni tar-riskji<br>— mal-investigazzjonijiet kliniċi u mal-istudji dwar il-prestazzjoni klinika<br>— mal-evalwazzjoni klinika<br>— mal-evidenza klinika. | Jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku fir-rigward tal-apparati mediċi, billi jiġu stabbiliti standards għoljin ta' kwalità u sikurezza għall-apparati mediċi u għall-apparati mediċi dijanjostiċi in vitro.<br><br>Dawn għandhom jissodisfaw tħassib komuni dwar is-sikurezza fir-rigward ta' dawn il-prodotti, u b'hekk jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u sikurezza għall-pazjenti, għall-utenti u għal persuni oħra. |
| 50 | Operazzjonijiet sikuri minn sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord | Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1058 tas-27 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/945 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' żewġ klassijiet ġodda tas-sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda biex jiġu koperti r-rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji maħluqa mit-tħaddim ta' sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord. | Jiġi żgurat li s-sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord joperaw b'mod sikur u b'riskju baxx, sabiex ma jkollhomx għalfejn ikunu soġġetti għal proċeduri ta' konformità ajrunawtika standard. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| | | | Dawn jikkonċernaw il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet speċifiċi meħtieġa biex jittaffew ir-riskji li relatati mas-sikurezza tat-titjira, il-privatezza, u l-protezzjoni tad-*data* personali, għas-sigurtà jew għall-ambjent. | |
| 51 | Sikurezza tal-ġugarelli | Id-Direttiva 2009/48/KE dwar is-sikurezza tal-ġugarelli | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti standards Ewropej eżistenti biex tiġi appoġġata t-teknoloġija l-aktar avvanzata dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u dwar is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli. | Jiġu indirizzati l-iżviluppi teknoloġiċi fis-suq tal-ġugarelli li qajmu kwistjonijiet fir-rigward tas-sikurezza u li ħolqu aktar tħassib għall-konsumaturi. |
| 52 | Rekwiżiti tas-sikurezza għal ċerti prodotti tat-tfal | Id-Direttiva Nru 2001/95/KE dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (GPSD) | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda u jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti biex tiġi żgurata s-sikurezza ta' ċerti prodotti tat-tfal (minbarra l-ġugarelli), li jirriflettu l-aktar żviluppi avvanzati | Jiġi pprovdut livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz tat-tisħiħ tas-sikurezza tal-prodotti tat-tfal, filwaqt li jitqiesu l-aktar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi reċenti u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni. |
| 53 | Sistemi ta' protezzjoni f'atmosferi potenzjalment esplużivi | Id-Direttiva 2014/34/UE dwar tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplużivi (ATEX) | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda u jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti biex jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza tat-tagħmir u tas-sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplużivi. Ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2014/34/UE. | Jiġi żgurat li l-makkinarju u tagħmir ieħor bis-sors potenzjali tiegħu ta' tqabbid li jkun maħsub biex jiġi installat f'żoni esplużivi jkunu protetti b'mod suffiċjenti kontra r-riskju li jikkawżaw splużjoni. Jew, fin-nuqqas ta' dan, li kwalunkwe splużjoni tittaffa b'mod suffiċjenti. |
| 54 | Oġġetti pirotekniċi | Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (Riformulazzjoni) | Xogħol ta' standardizzazzjoni biex tiżdied is-sikurezza tal-oġġetti pirotekniċi: jiġu aġġornati l-istandards attwali dwar oġġetti pirotekniċi sabiex jirriflettu r-rekwiżiti fid-Direttiva 2013/29/UE attwali u l-aktar żviluppi reċenti fit-teknoloġija. | Tiżdied is-sikurezza tal-oġġetti pirotekniċi u l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-konformità ta' dawn l-oġġetti, billi jiġu allinjati l-istandards eżistenti f'dan il-qasam mar-rekwiżiti leġiżlattivi u ta' sikurezza attwali kif ukoll mal-aktar żviluppi reċenti fit-teknoloġija. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| 55 | Installazzjonijiet tal-funikular | Ir-Regolament (UE) 2016/424 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular | Jiġu żviluppati jew riveduti l-istandards biex jipprovdu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati (i) għad-disinn u għall-bini ta' installazzjonijiet tal-funikular, l-infrastruttura, is-subsistemi u l-komponenti ta' sikurezza tagħhom u (ii) għall-operat tal-installazzjonijiet tal-funikular. | Tittejjeb is-sikurezza tal-installazzjonijiet tal-funikular. |
| 56 | Prodotti għall-bini | Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar il-prodotti għall-bini u COM(2020) 662 dwar Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda għall-metodi u għall-kriterji ta' valutazzjoni għall-prodotti għall-bini b'mod partikolari għal dawk li jappoġġaw ir-rinnovazzjoni tal-bini– li jridu jintużaw bħala speċifikazzjonijiet tekniċi standardizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011. | Jiġi żgurat li s-suq uniku għall-prodotti għall-bini jopera mingħajr xkiel u l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna. |
| 57 | Liftijiet u komponenti ta' sikurezza fil-liftijiet | Id-Direttiva 2014/33/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/76 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1220 | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda, jiġu aġġornati r-riżultati tal-istandardizzazzjoni eżistenti u jiġi adattat il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni li jimplimenta d-Deċiżjoni (UE) 2021/76 u d-Deċiżjoni (UE) 2021/1220 għall-għoti ta' standards f'waqthom u l-aktar avvanzati. | Jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u ta' sikurezza u, fejn xieraq, sikurezza għall-proprjetà, u tiġi garantita kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-UE. |
| 58 | Tagħmir għall-użin abbord | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1213 tat-12 ta' Lulju 2019 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati li jiżguraw kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-interoperabbiltà u tal-kompatibbiltà tat-tagħmir għall-użin abbord | Jiġi żviluppat standard għat-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar it-tagħmir għall-użin abbord bejn it-trakk u t-trejler, permezz ta' konnessjoni ta' Sistemi tat-Trasport Intelliġenti Kooperattivi.<br>L-istandard il-ġdid irid jiżviluppa s-saff ta' applikazzjoni tal-komunikazzjoni bejn il-vetturi differenti fil-kombinazzjoni tat-trakkijiet, abbażi ta' konnessjoni mingħajr wajers stabbilita bejn l-istazzjonijiet tas-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti Kooperattivi fil-vettura bil-mutur u dawk fit-trejlers jew fis-semitrejlers, f'konformità mal-istandards EN 302 663, EN 302 636-4-1 u EN 302 636-5. | Jiġi appoġġat metodu standardizzat għall-verifika ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi li jistgħu jitgħabbew iżżejjed, għall-prevenzjoni ta' ħsara eċċessiva fit-toroq u għall-iżgurar tal-manuvrabbiltà. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 59 | Apparat ta' pressjoni | Id-Direttiva 2014/68/UE tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti u jiġu żviluppati standards ġodda għall-apparat jew għall-assemblaġġi ta' pressjoni | Tittejjeb is-sikurezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal ditti żgħar u ta' daqs medju. Dan se jagħmel lill-kumpaniji tal-UE aktar kompetittivi fis-suq globali. |
| 60 | Tagħmir li jaħdem bil-gass | Ir-Regolament (UE) 2016/426 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti standards Ewropej eżistenti, biex tiġi appoġġata teknoloġija l-aktar avvanzata fil-qasam tat-tagħmir li jaħraq karburanti gassużi.<br>Il-ħidma se twieġeb għal:<br>— il-bidliet introdotti fir-rekwiżiti essenzjali;<br>— l-iżviluppi fir-rigward tal-karburanti gassużi minn sorsi rinnovabbli;<br>— iż-żieda antiċipata fl-użu tal-idroġenu;<br>— it-teknoloġiji ġodda disponibbli (eż. apparat taċ-ċelloli tal-fjuwil). | Jiġu żgurati s-saħħa u s-sikurezza kif ukoll l-użu razzjonali tal-enerġija (effiċjenza enerġetika) għat-tagħmir li jaħraq karburanti gassużi. |
| 61 | Reċipjenti sempliċi taħt pressjoni | ID-DIRETTIVA 2014/29/UE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibbiltà fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni | Jiġu riveduti l-istandards eżistenti fis-serje EN 286 u jiġu żviluppati standards ġodda. | Tittejjeb is-sikurezza u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għal ditti żgħar u ta' daqs medju. Dan se jagħmel lill-kumpaniji tal-UE aktar kompetittivi fis-suq globali. |
| 62 | Strumenti tal-użin u tal-kejl | Id-Direttiva 2014/31/UE Strumenti tal-Użin Mhux Awtomatiċi<br>Id-Direttiva 2014/32/UE Strumenti tal-Kejl | Jiġu żviluppati standards Ewropej ġodda jew jiġu riveduti l-istandards Ewropej eżistenti biex tiġi appoġġata t-teknoloġija l-aktar avvanzata fil-qasam tal-istrumenti tal-użin u tal-kejl. | (i) Jitħares il-pubbliku kontra riżultati mhux korretti minn operazzjonijiet ta' użin permezz ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi meta jintużaw għal ċerti kategoriji ta' applikazzjonijiet;<br>(ii) Jiġu appoġġati strumenti ta' kejl korretti u traċċabbli li jistgħu jintużaw għal varjetà ta' kompiti ta' kejl li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini direttament u indirettament f'ħafna modi. |

| Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
| | | | | Dawn il-kompiti jsiru għal raġunijiet tal-interess pubbliku, tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza u tal-ordni, tal-protezzjoni tal-ambjent, tal-protezzjoni tal-konsumatur, tal-liġijiet tal-ġbir tat-taxxi u tad-dazji u tal-kummerċ ġust.<br>Dawn jistgħu jeħtieġu l-użu ta' strumenti tal-kejl ikkontrollati b'mod legali. |
| 63 | Sistemi ta' intelliġenza artifiċjali sikuri u affidabbli | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-intelliġenza artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni<br>https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/e4c43528-ccfc-11ea-adf7-01aa75ed71a1/language-mt | Jiġu stabbiliti regoli għat-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali fl-UE, jiġu indirizzati rekwiżiti relatati mas-sikurezza u l-affidabbiltà tagħhom, inkluż il-ġestjoni tar-riskju, il-kwalità tad-*data*, it-trasparenza, is-sorveljanza mill-bniedem, l-akkuratezza, ir-robustezza u ċ-ċibersigurtà. | Jiġi żgurat li s-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali jistgħu jkunu sikuri u affidabbli, jiġu mmonitorjati b'mod xieraq matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, jirrispettaw il-valuri fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti fl-UE u jsaħħu l-kompetittività Ewropea. |
| 64 | Akkwist pubbliku | Id-Direttiva 2014/24/UE dwar l-akkwist pubbliku, l-Artikolu 22. u COM(2020) 66 Strateġija Ewropea għad-data. | Jiġu żviluppati riżultati tal-istandardizzazzjoni għaċ-ċiklu tal-ħajja minn tarf sa tarf tal-akkwist elettroniku, sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà transfruntiera u sabiex jiġu appoġġati spazji tad-*data* Ewropej komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi | L-istandards għandhom il-għan li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà bejn ix-xerrejja u l-fornituri tal-akkwist pubbliku, speċjalment fil-livell transfruntier.<br>Tinkiseb l-interoperabbiltà hija essenzjali biex jinħoloq is-suq uniku fl-Ewropa. |
| 65 | Ċibersigurtà tat-tagħmir tar-radju | Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju | L-iżvilupp ta' standards ġodda b'appoġġ għal ċerti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal tagħmir speċifiku tar-radju | Tittejjeb iċ-ċibersigurtà ta' ċertu tagħmir tar-radju. |

Azzjonijiet għall-iżvilupp u għar-reviżjoni tal-istandards Ewropej jew tar-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea li huma meħtieġa u adatti għall-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-Unjoni

| Ref | Titolu | Referenza | L-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea | L-objettivi u l-politiki speċifiċi għall-istandards Ewropej/ir-riżultati tal-istandardizzazzjoni Ewropea |
|---|---|---|---|---|
| 66 | Fatturazzjoni elettronika | Id-Direttiva 2014/55/UE dwar il-fatturazzjoni elettronika, l-Artikolu 3, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1870 tas-16 ta' Ottubru 2017. | Jiġi aġġornat jew rivedut l-istandard Ewropew dwar il-fatturazzjoni elettronika, biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa u kontinwa fil-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku. | Jiġi promoss l-użu tal-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku u jiġu kkumplimentati l-isforzi għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-akkwist elettroniku. |
| 67 | Passaporti diġitali għall-prodotti u għas-servizzi | Inizjattiva Leġiżlattiva dwar il-Politika għal Prodotti Sostenibbli | Jiġu żviluppati standards Ewropej li jindirizzaw rekwiżiti relatati mal-affidabbiltà, mas-sikurezza, mat-trasparenza tal-passaporti diġitali għall-prodotti u għas-servizzi | L-objettiv huwa li tiġi pprovduta l-bażi għall-iżgurar ta' prestazzjoni ambjentali għolja tal-prodotti kollha u, sa fejn ikun possibbli u rilevanti, tas-servizzi fis-suq tal-UE permezz ta' flussi ta' informazzjoni mtejba permezz ta' passaporti diġitali. |
| 68 | Kodiċi QR għal pagamenti istantanji fil-Punt ta' Interazzjoni | COM(2020) 592 dwar Strateġija dwar il-Pagamenti bl-Imnut għall-UE | Jiġi żviluppat standard ta' kodiċi QR li jippermetti l-bidu u l-aċċettazzjoni ta' pagamenti istantanji (kemm fi ħdan Stat Membru partikolari kif ukoll f'livell transfruntier), bl-użu ta' apparat elettroniku (eż. telefown ċellulari), f'varjetà ta' sitwazzjonijiet, bħal fil-ħwienet fiżiċi, fil-kummerċ elettroniku, bejn l-individwi, bejn in-negozji, min-negozji għall-konsumaturi, il-fatturi, eċċ. | Tiġi appoġġata l-interoperabbiltà transfruntiera ta' soluzzjonijiet ta' pagament istantanju u l-feġġa ta' soluzzjonijiet pan-Ewropej ta' pagament istantanju, kif ukoll l-użu tagħhom. |
| 69 | Standards b'appoġġ għal infrastruttura tal-blockchain għas-servizzi | Deċennju Diġitali tal-Ewropa: miri diġitali għall-2030<br>Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali | Jiġu żviluppati standards li jappoġġaw id-distribuzzjoni ġenerali tal-infrastruttura tal-blockchain għas-servizzi u t-teknoloġiji ta' reġistru distribwit madwar l-UE. | Tiġi appoġġata l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain għas-Servizzi li hija ekoloġika, sigura, interoperabbli f'konformità sħiħa mal-valuri tal-UE u mal-qafas legali tal-UE, li tagħmel il-forniment ta' servizz pubbliku transfruntier u nazzjonali/lokali aktar effiċjenti u affidabbli u li tippromwovi mudelli ta' negozju ġodda. |

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.10432 — PTTGC / ALLNEX)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 66/02)

Fit 6 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32021M10432. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**Is-7 ta' Frar 2022**

(2022/C 66/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,1447 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4546 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 131,59 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,9202 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4443 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7278 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84685 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5389 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,4483 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 371,76 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,0571 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,7000 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 143,40 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,2807 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,0658 | HRK | Kuna Kroata | 7,5200 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 478,97 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,222 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7909 |
| HUF | Forint Ungeriż | 353,48 | PHP | Peso Filippin | 58,978 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5432 | RUB | Rouble Russu | 86,5824 |
| RON | Leu Rumen | 4,9461 | THB | Baht Tajlandiż | 37,735 |
| TRY | Lira Turka | 15,5235 | BRL | Real Brażiljan | 6,0541 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6097 | MXN | Peso Messikan | 23,5750 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 85,5345 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## NOTA TA’ TAGĦRIF

**Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta’ oġġetti b’użu doppju** [1]**: Informazzjoni dwar miżuri adottati mill-Istati Membri f’konformità mal-Artikoli 4, 6, 7, 9, 11, 12, 22 u 23**

(2022/C 66/04)

L-Artikoli 6, 7, 9, 11, 12, 22 u 23 tar-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn ’il quddiem “ir-Regolament”) jistabbilixxu li l-miżuri meħuda mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li jiġu ppubblikati f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ddeċidew li jippubblikaw ukoll informazzjoni addizzjonali dwar miżuri imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 sabiex jiżguraw li l-esportaturi jkollhom aċċess għal informazzjoni komprensiva dwar il-kontrolli applikabbli fl-UE kollha.

### 1. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F’KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 4(3) TAR-REGOLAMENT (REKWIŻIT TA’ AWTORIZZAZZJONI FUQ L-ESPORTAZZJONI TA’ OĠĠETTI B’UŻU DOPPJU MHUX ELENKATI FL-ANNESS I)

Stat Membru jista’, b’applikazzjoni tal-Artikolu 4(3), jestendi l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) għal oġġetti b’użu doppju mhux elenkati, jekk l-esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

L-Artikolu 4(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta’ awtorizzazzjoni, b’applikazzjoni tal-Artikolu 4(3), fuq l-esportazzjoni ta’ oġġetti b’użu doppju mhux elenkati fl-Anness I, jinformaw, fejn xieraq, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. It-tabella ta’ hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

| Stat Membru | L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | Parzjalment IVA |
| IL-BULGARIJA | LE |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | LE |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | LE |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | LE |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | IVA |

[1] ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1.

| Stat Membru | L-Istat Membru adotta leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(3)? |
|---|---|
| L-ITALJA | LE |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | IVA |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | IVA |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | LE |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | IVA |
| L-IŻVEZJA | LE |

### 1.1. **Il-Belġju**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Walloon, għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(L-Artikolu 5 tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tal-14 ta' Marzu 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-2 ta' Mejju 2014); l-Artikolu 4 tad-Digriet tal-Gvern tal-Wallonja tas-6 ta' Frar 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tad-19 ta' Frar 2014)).

### 1.2. **Il-Kroazja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(L-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju (OG 80/11 i 68/2013)).

### 1.3. **Il-Latvja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(L-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija Strateġika tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20 ta' Ottubru 2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

1.4. **Il-Lussemburgu**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 45(1)).

1.5. **L-Ungerija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(Il-paragrafu 7 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 dwar "l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

1.6. **In-Netherlands**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(L-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi (il-Wet Strategische diensten) u l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Digriet dwar il-merkanzija strateġika (il-Besluit Strategische goederen)).

1.7. **L-Awstrija**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(L-Artikolu 5 tal-Ewwel Regolament dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (l-Erste Außenwirtschaftsverordnung 2011), BGBl. II Nru 343/2011, ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2011).

1.8. **Il-Finlandja**

Awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni għandha tkun meħtieġa għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati meta esportatur ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

(Il-paragrafu 4(4) tal-Liġi 562/1996)

2. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 6(3) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TA' KONTROLLI TA' SENSERIJA)**

L-Artikolu 6(3) flimkien mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jestendu l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) u għal oġġetti b'użu doppju għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

| Stat Membru | L-applikazzjoni tal-kontrolli ta' senserija stipulati fl-Artikolu 6(1) ġiet estiża fir-rigward tal-Artikolu 6(3)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | IVA |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | LE |

| Stat Membru | L-applikazzjoni tal-kontrolli ta' senserija stipulati fl-Artikolu 6(1) ġiet estiża fir-rigward tal-Artikolu 6(3)? |
|---|---|
| IL-GREĊJA | IVA |
| SPANJA | IVA |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | IVA |
| L-ITALJA | IVA |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | IVA |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | IVA |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | IVA |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | IVA |
| L-IŻVEZJA | LE |

2.1. **Il-Bulgarija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament, u mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 34 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, il-Gazzetta tal-Istat Nru 26 tad-29 ta' Marzu 2011, effettiv mit-30 ta' Ġunju 2012).

2.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk l-awtorità kompetenti tinforma lis-sensar li oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, jew li oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi finali militari msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3 tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju" (kif emendat)).

2.3. **L-Estonja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju li għandhom karatteristiċi ta' oġġetti strateġiċi minħabba l-użu finali jew l-utent finali tagħhom, jew kunsiderazzjoni tas-sigurtà pubblika jew tad-drittijiet tal-bniedem, għalkemm ma jkunux iddaħħlu fil-lista ta' oġġetti strateġiċi.

(Il-paragrafu 6(7) tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

2.4. **Il-Greċja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3.2.3 tad-"Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837 tat-28 ta' Settembru 2009").

2.5. **Spanja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu u destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament.

(L-Artikolu 2.3.b) tad-Digriet Amministrattiv 679/2014, tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar il-kontroll tal-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju).

2.6. **Il-Kroazja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, jekk l-awtorità kompetenti tinforma lis-sensar li oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu, fl-intier tagħhom jew parzjalment, maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament.

(L-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju (OG 80/11 i 68/2013)).

2.7. **L-Italja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) jew 4(2) tar-Regolament;

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

2.8. **Il-Latvja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) jew 4(2) tar-Regolament;

(L-Artikolu 5(7) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20 ta' Ottubru 2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

2.9. **Il-Lussemburgu**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, u għall-użi finali u d-destinazzjonijiet militari kif imsemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 42(1)).

### 2.10. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament, u għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 17.1 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 dwar "l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

### 2.11. **In-Netherlands**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament u għal oġġetti b'użu doppju, meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4 tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi (il-Wet Strategische diensten)).

Għandha wkoll tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' 37 sustanza kimika meta d-destinazzjoni tkun l-Iraq, irrispettivament mid-destinatarju speċifiku jew l-utent finali.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet - Iraq - Regeling goederen voor tweeërlei gebruik Irak).

### 2.12. **L-Awstrija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk l-awtorità kompetenti tinnotifika lis-sensar li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament.

(L-Artikolu 15.1 tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani (l-Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011)).

### 2.13. **Ir-Rumanija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament.

(L-Artikolu 14(2) tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 119 tat-23 ta' Diċembru 2010 (GEO Nru 119/2010) dwar ir-"reġim ta' kontroll għall-operazzjonijiet li jikkonċernaw oġġetti b'użu doppju").

### 2.14. **Il-Finlandja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness I tar-Regolament, jekk is-sensar ikun ġie nnotifikat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament, u għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, jekk is-sensar ikun ġie nnotifikat mill-awtorità kompetenti li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament.

(Il-paragrafi 3(2) u 4(1) tal-Liġi 562/1996).

## 3. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 6(4) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TA' KONTROLLI TA' SENSERIJA)**

L-Artikolu 6(4) flimkien mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq is-senserija ta' oġġetti b'użu doppju, jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li dawn l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri u li ġew innotifikati lill-Kummissjoni. Il-miżuri ddettaljati kif innotifikati lill-Kummissjoni huma stipulati immedjatament wara dan.

| Stat Membru | Il-kontrolli tas-senserija ġew estiżi fir-rigward tal-Artikolu 6(4)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | IVA |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | IVA |
| SPANJA | IVA |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | IVA |
| L-ITALJA | IVA |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | IVA |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | IVA |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | IVA |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | IVA |
| L-IŻVEZJA | LE |

3.1. **Il-Bulgarija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 47 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju (Promulgat, il-Gazzetta tal-Istat Nru 26 tad-29 ta' Marzu 2011)).

3.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 3(4) tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju").

3.3. **L-Estonja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet biex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar Oġġetti Strateġiċi (SGC), lill-awtoritajiet tal-pulizija jew lill-awtoritajiet tas-sigurtà immedjatament b'dan. Wara din in-notifika, l-SGC tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 77 tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

3.4. **Il-Greċja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3.2.2 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837 tat-28 ta' Settembru 2009).

3.5. **Spanja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, li għalihom huwa jipproponi servizzi ta' senserija, huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe użu u destinazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) u 4(2), huwa għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li għandha tiddeċiedi jekk dawn is-servizzi ta' senserija humiex soġġetti għal awtorizzazzjoni jew le.

(L-Artikolu 2.3.c) tad-Digriet Amministrattiv 679/2014, tal-1 ta' Awwissu 2014 dwar il-kontroll tal-kummerċ barrani f'materjal tad-difiża, materjal ieħor u oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju).

3.6. **Il-Kroazja**

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) u 4(2) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-paragrafu 3 tal-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju (OG 80/11 i 68/2013)).

3.7. **L-Italja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

3.8. **Il-Latvja**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 5(7) u l-Artikolu 17(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija Strateġika tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20 ta' Ottubru 2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

3.9. **Il-Lussemburgu**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 42(2)).

3.10. **L-Ungerija**

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 17(2) tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju").

### 3.11. In-Netherlands

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju elenkati meta l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(L-Artikolu 4(5) tal-Att dwar is-Servizzi Strateġiċi (il-Wet strategische diensten)).

### 3.12. L-Awstrija

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju, huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(L-Artikolu 5 tal-Ewwel Regolament dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (l-Erste Außenwirtschaftsverordnung 2011), BGBl. II Nru 343/2011, ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2011).

### 3.13. Ir-Rumanija

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għas-senserija ta' oġġetti b'użu doppju jekk is-sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament.

(Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 14 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 119 tat-23 ta' Diċembru 2010 (GEO Nru 119/2010) dwar is-sistema ta' kontroll għal operazzjonijiet li jirrigwardaw oġġetti b'użu doppju).

### 3.14. Il-Finlandja

Jekk sensar ikollu raġunijiet sabiex jissuspetta li l-oġġetti b'użu doppju huma jew jistgħu jkunu maħsuba għal kwalunkwe użu msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament, is-sensar għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, li tista' tiddeċiedi li timponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni.

(Il-Par.3.2, 4.4 tal-liġi 562/1996).

## 4. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 7(3) TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TA' KONTROLLI TA' TRANŻITU)

L-Artikolu 7(3) flimkien mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri li jestendu l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) għal oġġetti b'użu doppju mhux elenkati għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1) u għal oġġetti b'użu doppju għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | Id-dispożizzjonijiet tal-kontroll tat-tranżitu stipulati fl-Artikolu 7(1) ġew estiżi fir-rigward tal-Artikolu 7(3)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | Parzjalment IVA |
| IL-BULGARIJA | LE |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | IVA |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | IVA |
| SPANJA | IVA |
| FRANZA | IVA |

| Stat Membru | Id-dispożizzjonijiet tal-kontroll tat-tranżitu stipulati fl-Artikolu 7(1) ġew estiżi fir-rigward tal-Artikolu 7(3)? |
|---|---|
| IL-KROAZJA | IVA |
| L-ITALJA | IVA |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | IVA |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | IVA |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | IVA |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | IVA |
| L-IŻVEZJA | LE |

### 4.1. **Il-Belġju**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtoritajiet kompetenti, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Walloon, jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtoritajiet kompetenti, fir-Reġjun Fjamming u fir-Reġjun ta' Walloon, jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali u d-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 6 u 7 tad-Digriet tal-Gvern Fjamming tal-14 ta' Marzu 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju u l-għoti ta' assistenza teknika (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tat-2 ta' Mejju 2014); l-Artikolu 5 u 6 tad-Digriet tal-Gvern tal-Wallonja tas-6 ta' Frar 2014 li jirregola l-esportazzjoni, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju (il-Gazzetta Uffiċjali Belġjana tad-19 ta' Frar 2014).

### 4.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-paragrafu 13b tal-Att Nru 594/2004 Coll. "L-implimentazzjoni tar-Reġim tal-Komunità Ewropea għall-Kontroll tal-Esportazzjonijiet, it-Trasferiment, is-Senserija, u t-Tranżitu ta' Oġġetti b'Użu Doppju" (1)).

### 4.3. **L-Estonja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-paragrafi 3, 6 u 7 tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi (SGA)).

### 4.4. **Il-Greċja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-paragrafu 3.3.3 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/e3/21837 tat-28 ta' Settembru 2009).

### 4.5. **Spanja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 11 tal-Att 53/2007 tat-28 ta' Diċembru, dwar il-kontroll tal-kummerċ estern fuq materjal ta' difiża u użu doppju).

### 4.6. **Franza**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 3(I) tad-Digriet Nru 2020-74 tal-31 ta' Jannar 2020, kif emendat bid-Digriet Nru 2020-1481 tat-30 ta' Novembru 2020).

### 4.7. **Il-Kroazja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Att dwar il-Kontroll ta' oġġetti b'użu doppju (OG 80/11 i 68/2013)).

### 4.8. **L-Italja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 7 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 221/2017 tal-15 ta' Diċembru 2017, fis-seħħ mill-1 ta' Frar 2018).

4.9. **Il-Latvja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 5(7) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007; Il-Punt 31 tar-Regolament 657 (20 ta' Ottubru 2010) Proċeduri għall-Ħruġ jew Rifjut ta' Ħruġ ta' Liċenzja għal Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku u Dokumenti Oħra Relatati maċ-Ċirkolazzjoni ta' Merkanzija ta' Sinifikat Strateġiku).

4.10. **Il-Lussemburgu**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 43(2))

Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għat-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mibgħuta mingħajr trasbord jew bidla fil-mezz ta' trasport (l-ebda trasbord jew bidla fit-trasferiment ma għandhom jitqiesu bħala r-rilaxx, għall-finijiet li tiġi żgurata l-merkanzija, ta' oġġetti fuq vapur jew inġenju tal-ajru, sakemm tali oġġetti jiġu imbarkati mill-ġdid fuq l-istess vapur jew inġenju tal-ajru), u għat-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju li għalihom diġà hemm awtorizzazzjoni ġenerali ta' esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 43(3)).

4.11. **L-Ungerija**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-paragrafu 18 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani għal oġġetti b'użu doppju").

4.12. **In-Netherlands**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 4a(1) u l-Artikolu 2 tad-Digriet dwar l-Oġġetti Strateġiċi (il-Besluit strategische goederen)).

4.13. **L-Awstrija**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 15 tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (l-Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011)).

4.14. **Ir-Rumanija**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(L-Artikolu 15(2) tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 119 tat-23 ta' Diċembru 2010 (GEO Nru 119/2010)).

4.15. **Il-Finlandja**

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati u mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użi msemmija fl-Artikolu 4(1).

It-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni jista' jkun ipprojbit mill-awtorità kompetenti jekk l-oġġetti huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu finali militari u għad-destinazzjonijiet militari msemmija fl-Artikolu 4(2).

(Il-Par. 3.3 u 4.1 tal-liġi 562/1996).

5. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 9 TAR-REGOLAMENT (ESTENSJONI TA' KONTROLLI GĦAL OĠĠETTI MHUX ELENKATI GĦAL RAĠUNIJIET TA' SIGURTÀ PUBBLIKA JEW MINĦABBA KUNSIDERAZZJONIJIET TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM)**

L-Artikolu 9(4) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri li jipprojbixxu jew li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | Ġew implimentati kontrolli addizzjonali li jikkonċernaw oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-Artikolu 9(1)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | IVA |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | IVA |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | IVA |
| IL-GREĊJA | LE |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | IVA |
| IL-KROAZJA | LE |
| L-ITALJA | LE |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | IVA |

| Stat Membru | Ġew implimentati kontrolli addizzjonali li jikkonċernaw oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-Artikolu 9(1)? |
|---|---|
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | LE |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | IVA |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | LE |
| L-IŻVEZJA | LE |

## 5.1. **Il-Bulgarija**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita, minn att tal-Kunsill tal-Ministri, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 34(1), par. 3 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, il-Gazzetta tal-Istat Nru 26/29 ta' Marzu 2011).

## 5.2. **Ir-Repubblika Ċeka**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita,minn Ordni tal-Gvern, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-paragrafu 3(1)(d) tal-Att Nru 594/2004 Coll).

## 5.3. **Il-Ġermanja**

a. *Il-Parti I tat-Taqsima B tal-Lista ta' Kontroll Ġermaniża tal-Esportazzjoni*

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament hija soġġetta għal awtorizzazzjoni jekk l-oġġetti huma elenkati fil-Parti I tat-Taqsima B tal-Lista ta' Kontroll Ġermaniża tal-Esportazzjoni.

(It-Taqsima 8 (1) Nru 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (l-*Aussenwirtschaftsveaftsverordnung* - AWV)).

Il-Parti I B tal-Lista Ġermaniża ta' Kontroll tal-Esportazzjoni tinkludi l-oġġetti li ġejjin:

– 2B909 Magni flow forming u magni b'funzjonijiet ikkombinati ta' flow forming u spin-forming, għajr dawk regolati permezz ta' 2B009, 2B109 jew 2B209 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti ddiżinjati apposta għalihom:

(a) li, skont l-ispeċifikazzjoni teknika tal-manifattur, ikunu jistgħu jiġu mgħammra b'apparat b'kontroll numeriku, b'kontroll kompjuterizzat jew b'kontroll play-back; kif ukoll

(b) forza tar-romblu ta' aktar minn 60 kN, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun is-Sirja.

– 2B952 Tagħmir li jista' jintuża fl-immaniġġjar ta' materjal bijoloġiku, għajr dak ikkontrollat permezz ta' 2B352 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran, il-Korea ta' Fuq jew is-Sirja:

(a) fermentaturi li kapaċi jikkoltivaw "mikroorganiżmi" patoġeniċi jew vajrus, jew li kapaċi jipproduċu tossini, mingħajr il-propagazzjoni ta' aerosols u li għandhom kapaċità totali ta' 10 l jew aktar;

(b) aġitaturi għall-fermentaturi kkontrollati minn 2B352(a) fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2021/821 kif emendat.

*Nota teknika:*

*Fermentaturi jinkludu bijoreatturi, kemostati u sistemi ta' fluss kontinwu.*

– 2B993 Tagħmir għad-depożizzjoni ta' kisi metalliku għal sottostrati non-elettroniċi kif ġej, u komponenti u aċċessorji ddiżinjati apposta għal dawn, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran:

(a) tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni kimika tal-fwar (CVD);

(b) tagħmir għal produzzjoni għad-depożizzjoni tal-fwar permezz ta' raġġ ta' elettroni (EB-PVD);

(c) tagħmir tal-produzzjoni għad-depożizzjoni permezz tat-tisħin induttiv jew bir-reżistenza.

– 5A902 Sistemi ta' sorveljanza, tagħmir u komponenti għall-ICT (it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni) għal networks pubbliċi, mhux speċifikati mill-punt 5D001(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, fejn id-destinazzjoni tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) Iċ-ċentri ta' monitoraġġ (il-Faċilitajiet ta' Monitoraġġ tal-Infurzar tal-Liġi) għas-Sistemi tal-Interċettazzjoni Legali (LI, pereżempju skont ETSI ES 201 158, ETSI ES 201 671 jew standards ekwivalenti, speċifikazzjonijiet jew standards) u komponenti ddiżinjati apposta għalihom,

(b) Sistemi jew tagħmir ta' żamma ta' *data* tat-telefonati (l-Informazzjoni Relatata mal-Interċettazzjoni IRI, pereżempju, skont l-ETSI TS 102 656 jew standards ekwivalenti, speċifikazzjonijiet jew standards) u komponenti ddiżinjati apposta għalihom.

Nota teknika:

*Id-data tat-telefonati tinkludi l-informazzjoni ta' sinjalazzjoni, l-oriġini u d-destinazzjoni (eż. numri tat-telefown, indirizzi IP jew MAC, eċċ.), id-data u l-ħin u l-oriġini ġeografika tal-komunikazzjoni.*

*Nota:*

*5A902 ma tikkontrollax sistemi jew apparati li huma ddiżinjati apposta għal xi wieħed mill-finijiet li ġejjin:*

*(a) il-kontijiet*

*(b) il-ġbir tad-data jiffunzjona fi ħdan elementi tan-netwerk (pereżempju Exchange tat-Telefon jew HLR)*

*(c) il-kwalità ta' servizz tan-netwerk (Kwalità tas-Servizz - Quality of Service - QoS) jew*

*(d) is-sodisfazzjon tal-utenti (Kwalità tal-Esperjenza - Quality of Experience - QoE)*

*(e) operat f'kumpaniji tat-telekomunikazzjoni (fornituri tas-servizzi).*

– 5A911 Stazzjonijiet bażi għal “radju bil-fil” diġitali jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun is-Sudan jew is-Sudan t’Isfel.

*Nota teknika:*

*“Radju bil-fil” hija proċedura ta’ komunikazzjonijiet bir-radju ċellulari fejn l-abbonati mobbli jiġu assenjati fili ta’ frekwenza għall-komunikazzjoni. Ir-“radju bil-fil” diġitali (eż. TETRA, radju terrestri bil-fil) juża modulazzjoni diġitali.*

– 5D902 “Software”, mhux speċifikat fil-punt 5D001(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, fejn id-destinazzjoni tkun tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821, kif ġej:

(a) “software” iddiżinjat jew immodifikat speċifikament għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” jew l-“użu” ta’ installazzjonijiet, funzjonijiet jew parametri ta’ prestazzjoni kkontrollati minn 5A902;

(b) “software” iddiżinjat jew immodifikat speċifikament għall-kisba ta’ karatteristiċi, funzjonijiet jew parametri ta’ prestazzjoni kkontrollati minn 5A902.

– 5D911 “Software” iddiżinjat jew immodifikat apposta għall-“użu” ta’ tagħmir, li huwa rregolat permezz tal-punt 5A911, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun is-Sudan jew is-Sudan t’Isfel.

– 5E902 “Teknoloġija” mhux speċifikata mill-punt 5E001(a) tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-“iżvilupp”, il-“produzzjoni” u l-“użu” ta’ installazzjonijiet, funzjonijiet jew karatteristiċi ta’ prestazzjoni kkontrollati mill-entrata 5A902, jew “software” kkontrollat mill-entrata 5D902, fejn id-destinazzjoni tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

– 6A908 Sistemi ta’ navigazzjoni jew ta’ sorveljanza li jaħdmu bir-radar għall-kontroll tat-traffiku bil-baħar jew bl-ajru, li ma humiex ikkontrollati permezz tal-punti 6A008 jew 6A108 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, u komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

– 6D908 “Software”, żviluppat jew immodifikat apposta għall-“iżvilupp”, għall-“produzzjoni” jew għall-“użu” tat-tagħmir ikkontrollat permezz ta’ 6A908, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

– 9A904 (a) Antenni ddiżinjati għall-użu b’konnessjoni ma’ “vetturi spazjali”, jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

(b) Terminals tal-komunikazzjoni bil-“laser” (LCTs, stazzjonijiet tal-komunikazzjoni tad-*data* “laser”), minbarra dawk speċifikati f’9A004 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, għall-użu b’rabta ma’ “inġenji spazjali”, jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

*Nota Teknika:*

*9A904 tinkludi oġġetti użati fil-kuntesti li ġejjin b’ “inġenji spazjali”, kemm fuq l-art kif ukoll fuq “inġenji spazjali”:*

1. *Użu bħala payload għal uplink jew downlink,*
2. *Komunikazzjonijiet bejn “inġenji spazjali”; jew*
3. *Użu b’konnessjoni mat-trażmissjoni ta’ sinjali tat-telemetrija.*

– 9A991 Vetturi ta’ fuq l-art li ma humiex koperti mill-Parti I A tal-Lista tal-Kontroll tal-Esportazzjoni, kif ġej:

(a) trejlers ċatti jew semitrejlers b’payload ta’ aktar minn 25 000 kg u ta’ inqas minn 70 000 kg, jew li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, u li jifilħu jġorru vetturi kkontrollati permezz ta’ 0006 fil-Parti I A, kif ukoll vetturi li jiġbdu li jifilħu għall-ġarr ta’ dawn u li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran, il-Libja, il-Mjanmar, il-Korea ta’ Fuq, il-Pakistan, is-Somalja jew is-Sirja;

*Nota:*

*Il-vetturi li jiġbdu fit-tifsira ta' 9A991a jinkludu l-vetturi kollha b'funzjoni ta' ġbid primarju;*

(b) (b) trakkijiet jew vetturi oħra off-road li jkollhom karatteristika militari waħda jew aktar, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran, il-Libja, il-Mjanmar, il-Korea ta' Fuq, is-Somalja jew is-Sirja.

*Nota 1: Karatteristiċi militari kif definiti permezz ta' 9A991 jinkludu:*

*(a) kapaċità ta' fording ta' 1,2 m jew aktar;*

*(b) immuntar għall-azzarini u għall-armamenti;*

*(c) immuntar għal xbieki tal-kamuflax;*

*(d) dwal tas-saqaf, tondi u b'kuperċ li jiżżerżaq jew li jitbandal;*

*(e) żmaltar militari;*

*(f) ganċijiet tal-igganċjar għal trejlers flimkien ma' dak li jissejjaħ NATO-socket.*

*Nota 2: 9A991 ma tirregolax vetturi tal-art meta dawn jakkumpanjaw lill-utenti tagħhom għall-użu personali tagħhom.*

– 9A992 Trakkijiet, kif ġej:

(a) it-trakkijiet b'ingranaġġ fuq ir-roti kollha b'payload ta' aktar minn 1 000 kg, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun il-Korea ta' Fuq;

(b) trakkijiet bi tliet fusien jew aktar u b'piż gross massimu ta' tagħbija permissibbli ta' aktar minn 20 000 kg, jekk il-pajjiż li qed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran jew is-Sirja.

– 9A993 Ħelikopters, sistemi ta' trasferiment tal-forza għall-ħelikopters, magni b'turbini tal-gass u sistemi ta' qawwa awżiljarja (APUs) għall-użu f'ħelikopters, u komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun Kuba, l-Iran, il-Libja, il-Myanmar, il-Korea ta' Fuq, is-Somalja jew is-Sirja.

– 9A994 Magni li jiksħu bl-arja (magni ajrunawtiċi) b'kapaċità kubika ta' 100 $cm^3$ jew aktar u ta' 600 $cm^3$ jew anqas, li jistgħu jintużaw f'"vetturi tal-ajru" mingħajr ekwipaġġ, kif ukoll komponenti ddiżinjati apposta għalihom, jekk il-pajjiż li qegħdin jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun l-Iran.

– 9D904 "Software" iddiżinjat apposta jew immodifikat għall- "iżvilupp", il- "produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti speċifikati f'9A904, jekk id-destinazzjoni tkun tinsab barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

– 9E904 "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, minbarra dik speċifikata f'5E001. b.2., 9E001 u 9E002 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821, kif emendat, għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" tal-oġġetti speċifikati f'9A904 jew is-"software" speċifikat f'9D904, jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

– 9E991 "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija għall-"iżvilupp" jew għall-"produzzjoni" tat-tagħmir ikkontrollat permezz ta' 9A993, jekk il-pajjiż li qiegħed jixtri jew il-pajjiż tad-destinazzjoni jkun Kuba, l-Iran, il-Libja, il-Myanmar, il-Korea ta' Fuq, jew is-Sirja.

– 9E992 "Teknoloġija" skont in-Nota Ġenerali dwar it-Teknoloġija, minbarra dik ikkontrollata minn 9E101(b) fil-qafas tar-Regolament (UE) 2021/821 kif emendat, għall-"produzzjoni" ta' "vetturi tal-ajru bla ekwipaġġ" ("UAVs"), jekk id-destinazzjoni tkun barra mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea u barra miż-żoni elenkati fil-Parti 2 tat-Taqsima A tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/821.

b. *It-Taqsima 9 L-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (l-Aussenwirtschaftsverordnung - AWV)*

Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I, jekk l-esportatur ikun ġie informat mill-BAFA li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-kostruzzjoni jew l-operazzjoni ta' installazzjoni nukleari fit-tifsira tal-Kategorija 0 tal-Anness I għar-Regolament (UE) 2021/821 jew għall-inkorporazzjoni f'tali installazzjoni, u jekk il-pajjiż tad-destinazzjoni huwa l-Alġerija, l-Iraq, l-Iran, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libja, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, il-Pakistan jew is-Sirja. Jekk esportatur ikun konxju

li l-oġġetti huma maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għall-użu msemmi hawn fuq, huwa għandu jinnotifika lill-BAFA. Il-BAFA se jiddeċiedi jekk jagħmilx l-esportazzjoni kkonċernata soġġetta għall-awtorizzazzjoni jew le. Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika fil-qasam irregolat mill-Artikolu 4 u l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/821.

(It-Taqsima 9 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (l-*Aussenwirtschaftsverordnung* - *AWV*)).

c. *It-Taqsima 6 L-Att dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (l-Aussenwirtschaftsgesetz — AWG)*

Skont it-Taqsima 6 tal-Att dwar il-Kummerċ u l-Pagamenti Barranin (*l-Aussenwirtschaftsgesetz* - AWG), tranżazzjonijiet, tranżazzjonijiet legali u azzjonijiet jistgħu jiġu ristretti, jew obbligi ta' azzjoni jistgħu jiġu imposti permezz ta' att amministrattiv, sabiex jiġi evitat periklu li jirrigwarda f'każ individwali l-interessi, pereżempju l-interessi vitali tas-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-koeżistenza paċifika tan-nazzjonijiet, ir-relazzjonijiet barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

## 5.4. **L-Estonja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita, minndeċiżjoni tal-Kummissjoni dwar Oġġetti Strateġiċi, għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(Il-paragrafi 2(11) u 6(2) tal-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi).

## 5.5. **L-Irlanda**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(It-Taqsima 12(2) tal-Istrument Statutorju 443 tal-2009, l-Ordni dwar il-Kontroll tal-Esportazzjonijiet (l-Oġġetti b'Użu Doppju) tal-2009, kif emendata).

## 5.6. **Franza**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. (Id-Digriet Nru 2010-292).

Kontrolli nazzjonali fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju ġew adottati, kif stabbilit fl-ordnijiet li ġejjin: L-Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014 dwar l-esportazzjoni ta' ċerti ħelikopters u l-ispare parts tagħhom lejn pajjiżi terzi (Ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Franċiża tat-8 ta' Awwissu 2014) u l-Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014 dwar l-esportazzjoni ta' gass tad-dmugħ u ta' aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet lejn pajjiżi terzi (Ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Franċiża tat-8 ta' Awwissu 2014).

## 5.7. **Il-Latvja**

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita mill-Kumitat tal-Kontroll tal-Oġġetti Strateġiċi għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-lista nazzjonali ta' oġġetti mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament hija fis-seħħ.

- 10A901 Armi li jużaw munizzjon tan-nar bil-case mhux ċentrali (rimfire), komponenti u munizzjon imfassla b'mod speċjali.
- 10A902 Tagħmir, spare parts u komponenti relatati mal-inġenji tal-ajru. Kontroll applikabbli biss għal tagħmir, spare parts u komponenti tal-inġenji tal-ajru li jistgħu jintużaw għall-inġenji tal-ajru ċivili u militari.
- 10A903 Pistoli tal-arja b'enerġija ta' aktar minn 12 J.
- 10A906 Miri u komponenti ta' armi ta' viżjoni fid-dlam.
- 10A907 Mini kontra l-persunal.

– 10D901 Software żviluppat għal servizzi ta' intelligence u ddiżinjat apposta sabiex jislet, jeqred jew jibdel informazzjoni bil-moħbi minn kompjuters, networks jew sistemi oħrajn ta' informazzjoni.

– 10E902 Assistenza militari u assistenza teknika relatati ma' merkanzija militari.

(Ir-Regolament Nru 645 tal-25 ta' Settembru 2007 - ir-"Regolament dwar il-Lista Nazzjonali ta' Oġġetti u Servizzi Strateġiċi", l-Artikolu 3(1) tal-Liġi dwar iċ-Ċirkolazzjoni ta' Oġġetti Strateġiċi tal-21 ta' Ġunju 2007).

## 5.8. Il-Lussemburgu

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

L-esportatur li jkun jaf jew jissuspetta li tali esportazzjoni jew dawn il-prodotti jaffettwaw jew aktarx li jaffettwaw is-sigurtà nazzjonali jew barranija tal-pajjiż tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu jew is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, għandu jinforma lill-Ministri responsabbli għall-Kummerċ Barrani u l-Affarijiet Barranin li jgħarrfu lill-esportatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu dwar il-ħtieġa li jitolbu l-awtorizzazzjoni jew le.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018, l-Artikolu 45(2)).

## 5.9. In-Netherlands

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika, inkluż il-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu, jew għal konsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 4 tad-Digriet għall-Oġġetti Strateġiċi - il-Besluit strategische goederen).

Kontrolli nazzjonali għall-esportazzjoni ta' oġġetti għar-repressjoni interna lejn is-Sirja u s-servizzi ta' senserija lis-Sirja u għall-esportazzjoni ta' oġġetti għar-repressjoni interna lejn l-Eġittu u l-Ukrajna:

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet - Regeling goederen voor tweeërlei gebruik).

Ġew imposti rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' 37 sustanza kimika lejn l-Iraq, irrispettivament mid-destinatarju speċifiku jew l-utent finali.

(Oġġetti b'Użu Doppju tad-Digriet Iraq – Regeling goederen voor tweeërlei gebruik Irak).

## 5.10. L-Awstrija

L-esportazzjoni jew it-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Kummerċ Barrani tal-2011 (l-Außenwirtschaftsgesetz 2011, BGBl. I Nru 26/2011)).

## 5.11. Ir-Rumanija

L-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju mhux elenkati fl-Anness I tar-Regolament tista' tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni jew ipprojbita għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew minħabba kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

(L-Artikolu 7 tal-Ordni ta' Emerġenza Nru 119 tat-23 ta' Diċembru 2010 (GEO Nru 119/2010) dwar is-sistema ta' kontroll għal operazzjonijiet li jirrigwardaw oġġetti b'użu doppju).

# 6. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 11(5) TAR-REGOLAMENT (TRASFERIMENTI INTRA-KOMUNITARJI)

L-Artikolu 11(5) jistipula li l-Istati Membri li jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għat-trasferiment, mit-territorju tagħhom lejn Stat Membru ieħor, ta' oġġetti mhux elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (l-Anness IV jelenka oġġetti li ma jgawdux mil-libertà tal-moviment fis-suq uniku) għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, li din imbagħad tippubblika din l-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | Ittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jiġu estiżi kontrolli ta' trasferimenti intra-UE fir-rigward tal-Artikolu 11(2)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | IVA |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | IVA |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | IVA |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | LE |
| L-ITALJA | LE |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | LE |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | IVA |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | LE |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | LE |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | IVA |
| IL-FINLANDJA | LE |
| L-IŻVEZJA | LE |

6.1. **Il-Bulgarija**

Il-Bulgarija estendiet il-kontrolli ta' trasferimenti intra-UE kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament u introduċiet rekwiżit sabiex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti dwar ċerti trasferimenti intra-UE kif stabbilit fl-Artikolu 11(8) tar-Regolament.

(L-Artikolu 51, par. 8 u par. 9 tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, Gazzetta tal-Istat Nru 26/29 ta' Marzu 2011, effettiv 30 ta' Ġunju 2012).

### 6.2. Ir-Repubblika Ċeka

L-Att Nru 594/2004 Coll. jestendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mir-Repubblika Ċeka kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

### 6.3. Il-Ġermanja

It-Taqsima 11 tal-Ordinanza dwar il-Kummerċ u l-Ħlasijiet Barranin (*l-Aussenwirtschaftsverordnung* - AWV) testendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mill-Ġermanja kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

### 6.4. L-Estonja

L-Att dwar l-Oġġetti Strateġiċi §3(6) jestendi l-kontrolli fir-rigward tat-trasferimenti intra-UE kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

### 6.5. Il-Greċja

It-Taqsima 3.4 tad-Deċiżjoni Ministerjali Nru 121837/E3/21837 tat-28 ta' Settembru 2009 testendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mill-Greċja kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

### 6.6. Il-Lussemburgu

Jista' jiġi impost rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għat-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, għajr dawk elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, mit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu lejn Stat Membru ieħor fil-każijiet previsti fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

(Il-Liġi tas-27 ta' Ġunju 2018 dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, l-Artikolu 44).

### 6.7. L-Ungerija

Il-paragrafu 16 tad-Digriet tal-Gvern Nru 13 tal-2011 "dwar l-awtorizzazzjoni tal-kummerċ barrani ta' oġġetti b'użu doppju" jadotta rekwiżit ta' liċenzjar fuq oġġetti b'użu doppju elenkati għal trasferimenti fi ħdan l-UE jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament japplikaw.

### 6.8. In-Netherlands

Rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal trasferimenti intra-UE jista' jiġi impost f'każijiet individwali fir-rigward ta' oġġetti b'użu doppju.

(L-Artikolu 4a(2) tad-Digriet dwar l-Oġġetti Strateġiċi - il-Besluit strategische goederen).

### 6.9. Is-Slovakkja

Il-paragrafu 23(2) tal-Att Nru 39/2011 Coll. jestendi kontrolli fir-rigward ta' trasferimenti intra-UE mir-Repubblika Slovakka, kif stabbilit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament.

## 7. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 11(8) TAR-REGOLAMENT (TRASFERIMENTI INTRA-KOMUNITARJI)

L-Artikolu 11(8) jistipula li l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li, għat-trasferiment mit-territorju tagħhom lejn Stat Membru ieħor ta' oġġetti elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I, li ma humiex elenkati fl-Anness IVtar-Regolament, għandha tingħata informazzjoni addizzjonali dwar dawk l-oġġetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | Ittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jiġu estiżi kontrolli ta' trasferimenti intra-UE fir-rigward tal-Artikolu 11(8)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | LE |

| Stat Membru | Ittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jiġu estiżi kontrolli ta' trasferimenti intra-UE fir-rigward tal-Artikolu 11(8)? |
|---|---|
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | LE |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | LE |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | LE |
| L-ITALJA | LE |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | LE |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | IVA |
| L-UNGERIJA | LE |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | LE |
| L-AWSTRIJA | LE |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | LE |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | LE |
| L-IŻVEZJA | LE |

### 7.1. **Il-Bulgarija**

Għat-trasferiment mit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I u li ma humiex elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, il-Kummissjoni Interministerjali tista' tirrikjedi, mill-persuna li tagħmel it-trasferiment, informazzjoni addizzjonali dwar l-oġġetti.

(L-Artikolu 51(9) tal-Att dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni ta' Prodotti relatati mad-Difiża u Oġġetti u Teknoloġiji b'Użu Doppju, il-Gazzetta tal-Istat Nru 26/29 ta' Marzu 2011, effettiv 30 ta' Ġunju 2012).

### 7.2. **Il-Lussemburgu**

Għat-trasferiment mit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategorija 5, il-Parti 2 tal-Anness I u li ma humiex elenkati fl-Anness IV tar-Regolament, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi pprovduta fil-qafas tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni:

1. Indikazzjoni tar-referenza kummerċjali tal-oġġett, id-deskrizzjoni ġenerali u l-karatteristiċi tiegħu;
2. Il-preżentazzjoni tas-servizzi kriptografiċi li għandhom jiġu pprovduti;
3. Il-preżentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-algoritmi;

4. Il-preżentazzjoni ta' normi jew standards ta' sigurtà;
5. Il-preżentazzjoni tat-tip ta' data kkonċernata mis-servizz;
6. Dokument relatat mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-oġġett (fi 12-il punt)

(Ir-Regolament Gran Dukali tal-14 ta' Diċembru 2018, l-Artikolu 10(1), il-paragrafu 1 sub 2 u l-paragrafu 2 sub 4°, u l-Anness 15).

## 8. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 12(6)(B) TAR-REGOLAMENT (AWTORIZZAZZJONIJIET ĠENERALI NAZZJONALI TAL-ESPORTAZZJONI)

L-Artikolu 12(6)(b) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika miżuri meħuda mill-Istati Membri fir-rigward ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni ġenerali nazzjonali tal-esportazzjoni maħruġa jew immodifikata.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | L-Istat Membru tiegħek ħareġ jew immodifika xi awtorizzazzjoni nazzjonali ġenerali tal-esportazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 12(6)? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | LE |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | LE |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | IVA |
| L-ESTONJA | LE |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | IVA |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | IVA |
| IL-KROAZJA | Iva (imma MHUX qed jintuża) |
| L-ITALJA | IVA |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | LE |
| IL-LITWANJA | LE |
| IL-LUSSEMBURGU | LE |
| L-UNGERIJA | LE |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | IVA |
| L-AWSTRIJA | IVA |
| IL-POLONJA | LE |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | LE |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |

| Stat Membru | L-Istat Membru tiegħek ħareġ jew immodifika xi awtorizzazzjoni nazzjonali ġenerali tal-esportazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 12(6)? |
|---|---|
| IL-FINLANDJA | Iva (imma MHUX qed jintuża) |
| L-IŻVEZJA | LE |

8.1. **Il-Ġermanja**

Hemm sitt Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali għall-Esportazzjoni fis-seħħ fil-Ġermanja:

| | |
|---|---|
| 1 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 12 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju taħt ċertu limitu ta' valur; |
| 2 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 13 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju f'ċerti ċirkostanzi; |
| 3 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 14 għall-valvijiet u l-pompi; |
| 4 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 15 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea (Brexit); |
| 5 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 16 għall-esportazzjoni ta' oġġetti tat-telekomunikazzjoni u s-sigurtà tad-*data*; |
| 6 | L-Awtorizzazzjoni Ġenerali Nru 17 għall-esportazzjoni ta' varjaturi tal-frekwenza. |

8.2. **Il-Greċja**

Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni tapplika għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn id-destinazzjonijiet li ġejjin: l-Arġentina, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa, l-Ukrajna, it-Turkija u l-Afrika t'Isfel.

(Id-Deċiżjoni Ministerjali Nru 125263/e3/25263 tas-6 ta' Frar 2007).

8.3. **Franza**

Hemm fis-seħħ seba' Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni fi Franza:

| | |
|---|---|
| 1 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal oġġetti industrijali, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti industrijali soġġetti għal kontroll strateġiku fil-Komunità Ewropea [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 11) u kif emendata mid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil- *Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 5)]; |
| 2 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal prodotti kimiċi, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' prodotti kimiċi b'użu doppju [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 12) u kif emendata mid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 6)]; |
| 3 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għall-grafit, kif definita fid-digriet tat-18 ta' Lulju 2002 dwar l-esportazzjoni ta' grafit ta' kwalità nukleari [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* Nru 176 tat-30 ta' Lulju 2002 (test 13) u kif emendata mid-digriet tal-21 ta' Ġunju 2004 dwar it-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-31 ta' Lulju 2004 (test 7)]; |
| 4 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal prodotti bijoloġiċi, kif definita fid-digriet tal-14 ta' Mejju 2007 u emendata mid-digriet tat-18 ta' Marzu 2010 dwar l-esportazzjoni ta' ċerti elementi ġenetiċi u organiżmi modifikati ġenetikament [kif ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tal-20 ta' Marzu 2010]; |

| | |
|---|---|
| 5 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għal ċerti oġġetti b'użu doppju għall-forzi armati Franċiżi f'pajjiżi terzi (l-Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali ta' Franza tat-8 ta' Awwissu 2014); |
| 6 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali għall-esportazzjoni jew trasferiment fl-UE ta' ċerti oġġetti b'użu doppju għal esibizzjoni jew fiera (Ordni Ministerjali tal-31 ta' Lulju 2014, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali ta' Franza tat-8 ta' Awwissu 2014). |
| 7 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju għat-tiswija ta' inġenji tal-ajru ċivili, imsejħa wkoll Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali għat-"tagħmir ajrunawtiku" (l-Ordni Ministerjali tal-14 ta' Jannar 2019 ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża* tat-18 ta' Jannar 2019 (test 19). |

L-oġġetti speċifiċi koperti mill-awtorizzazzjonijiet jiġu stipulati fid-digrieti rilevanti.

8.4. **Il-Kroazja**

Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament tista' tinħareġ mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (l-Att dwar il-Kontroll ta' Oġġetti b'Użu Doppju (OG 80/11 i 68/2013)).

8.5. **L-Italja**

Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni tapplika għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn id-destinazzjonijiet li ġejjin: l-Antartika (bażijiet Taljani), l-Arġentina, ir-Repubblika tal-Korea, it-Turkija.

(Id-Digriet tal-4 ta' Awwissu 2003 ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali Nru 202 tal-1 ta' Settembru 2003).

8.6. **In-Netherlands**

Hemm fis-seħħ żewġ Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni fin-Netherlands:

| | |
|---|---|
| 1 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni tapplika għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju lejn id-destinazzjonijiet kollha, bl-eċċezzjoni ta':<br>— l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, in-Norveġja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Iżvizzera (li huma diġà koperti mill-Anness II Parti 3 tar-Regolament);<br>— l-Afganistan, Burma/il-Myanmar, l-Iraq, l-Iran, il-Libja, il-Libanu, il-Korea ta' Fuq, il-Pakistan, is-Sudan, is-Somalja u s-Sirja.<br>(Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali NL002 - Nationale Algemene Uitvoervergunning NL002) |
| 2 | Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti għas-sigurtà tal-informazzjoni lejn id-destinazzjonijiet kollha, bl-eċċezzjoni ta':<br>— Pajjiżi li huma soġġetti għal embargo fuq l-armi, skont l-Artikolu 2(19) tar-Regolament;<br>— l-Afganistan, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bahrein, il-Bangladesh, il-Burundi, iċ-Ċina (inkluż it-Tajwan, Ħong Kong u Macau), Kuba, Djibouti, l-Eġittu, il-Guinea Ekwatorjali, l-Etjopja, il-Gambja, Guinee(-Conakry), Guinee-Bissau, l-Indja, il-Jemen, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Laos, l-Ukrajna, l-Użbekistan, l-Oman, il-Pakistan, il-Qatar, ir-Rwanda, l-Arabja Sawdija, is-Swaziland, is-Sirja, it-Tadzhikistan, it-Tajlandja, it-Turkija, it-Turkmenistan, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Vjetnam.<br>(Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali NL010 – Nationale Uitvoervergunningen NL 010 (*oġġetti voor informatiebeveiliging)*) |

8.7. **L-Awstrija**

Hemm fis-seħħ erba' Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni fl-Awstrija:

| | |
|---|---|
| 1 | AT001 għal ċerti oġġetti b'użu doppju meta jkunu riesportati lejn il-pajjiż ta' oriġini mingħajr modifika, jew fejn oġġetti tal-istess kwantità jew kwalità jiġu esportati lejn il-pajjiż ta' oriġini, jew fejn it-teknoloġija tkun riesportata b'żidiet żgħar, kollha fi żmien tliet xhur mill-importazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea; |

| | |
|---|---|
| 2 | AT002 għall-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti b'użu doppju taħt ċertu limitu ta' valur; |
| 3 | AT003 għal valvijiet u pompi speċifikati f'2B350g u 2B350i lejn ċerti destinazzjonijiet; |
| 4 | AT004 għal varjaturi tal-frekwenza speċifikati fi 3A225 u softwer u teknoloġija relatati. |

Id-dettalji ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 3c tal-Ewwel Ordinanza tal-Kummerċ Barrani, BGB1. II Nru 343/2011 tat-28 ta' Ottubru 2011 kif emendata bl-Ordinanza BGB1. II Nru 430/2015 tas-17 ta' Diċembru 2015. Il-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom (rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u ta' notifika) jistgħu jinstabu fl-Artikolu 16 tal-istess Ordinanza.

8.8. **Il-Finlandja**

Awtorizzazzjoni Ġenerali Nazzjonali tal-Esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament tista' tinħareġ mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin skont il-paragrafu 1 tat-Taqsima 3 tal-Att dwar l-Użu Doppju Nru 562/1996 (kif emendat).

9. **INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 22 TAR-REGOLAMENT (UFFIĊĊJI DOGANALI MOGĦTIJA S-SETGĦA APPOSTA)**

L-Artikolu 22 jirrikjedi li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni jekk dawn ikunu għażlu li l-formalitajiet doganali għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju jiġu kompluti fl-uffiċċji doganali li jkollhom is-setgħa għal dan il-għan biss.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kif notifikati lill-Kummissjoni. Id-dettalji dwar il-miżuri huma pprovduti aktar 'il quddiem.

| Stat Membru | Ġew innominati uffiċċji doganali speċifiċi fir-rigward tal-Artikolu 22(1), li fihom formalitajiet doganali għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju jistgħu jitlestew? |
|---|---|
| IL-BELĠJU | LE |
| IL-BULGARIJA | IVA |
| IR-REPUBBLIKA ĊEKA | LE |
| ID-DANIMARKA | LE |
| IL-ĠERMANJA | LE |
| L-ESTONJA | IVA |
| L-IRLANDA | LE |
| IL-GREĊJA | LE |
| SPANJA | LE |
| FRANZA | LE |
| IL-KROAZJA | LE |
| L-ITALJA | LE |
| ĊIPRU | LE |
| IL-LATVJA | LE |
| IL-LITWANJA | IVA |
| IL-LUSSEMBURGU | LE |
| L-UNGERIJA | LE |
| MALTA | LE |
| IN-NETHERLANDS | LE |

| Stat Membru | Ġew innominati uffiċċji doganali speċifiċi fir-rigward tal-Artikolu 22(1), li fihom formalitajiet doganali għall-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju jistgħu jitlestew? |
|---|---|
| L-AWSTRIJA | LE |
| IL-POLONJA | IVA |
| IL-PORTUGALL | LE |
| IR-RUMANIJA | IVA |
| IS-SLOVENJA | LE |
| IS-SLOVAKKJA | LE |
| IL-FINLANDJA | LE |
| L-IŻVEZJA | LE |

### 9.1. Il-Bulgarija

L-uffiċċji doganali territorjali tar-Repubblika tal-Bulgarija għall-oġġetti strateġiċi ġew approvati mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tad-Dwana skont l-Ordni tal-Ministeru għall-Finanzi Nru 55/32-11385 tal-14 ta' Jannar 2016 (il-Gazzetta Uffiċjali 9/2016). Il-lista ta' uffiċċji doganali fil-Bulgarija li minnhom oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-UE jew jidħlu fih tinsab fis-sit web li ġej:

http://www.mi.government.bg/en/themes/evropeisko-i-nacionalno-zakonodatelstvo-v-oblastta-na-eksportniya-kontrol-i-nerazprostranenieto-na-or-225-338.html

### 9.2. L-Estonja

Il-lista ta' uffiċċji doganali fl-Estonja li permezz tagħhom oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju jistgħu jħallu jew jidħlu fit-territorju doganali tal-UE tinsab fis-sit web li ġej:

http://www.emta.ee/index.php?id=24795

### 9.3. Il-Litwanja

Il-lista ta' uffiċċji doganali fil-Litwanja li permezz tagħhom oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju jistgħu jħallu jew jidħlu fit-territorju doganali tal-UE tinsab fis-sit web li ġej:

https://www.lrmuitine.lt/web/guest/verslui/apribojimai/bendra#en

### 9.4. Il-Polonja

Il-lista ta' uffiċċji doganali fil-Polonja li minnhom oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-UE jew jidħlu fih tinsab fis-sit web li ġej: http://isap.sejm.gov.pl/DetailsServlet?id=WDU20150000136&min=1

### 9.5. Ir-Rumanija

Il-lista ta' uffiċċji doganali fir-Rumanija li minnhom oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju jistgħu jħallu t-territorju doganali tal-UE jew jidħlu fih tinsab fis-sit web li ġej: https://www.customs.ro/agenti-economici/instruirea-operatorilor-economici/vamuirea-marfurilor/produse-strategice

## 10. INFORMAZZJONI PPROVDUTA MILL-ISTATI MEMBRI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLI 23(1)(A) TAR-REGOLAMENT (AWTORITAJIET NAZZJONALI BIS-SETGĦA LI: JAGĦTU AWTORIZZAZZJONIJIET TA' ESPORTAZZJONI GĦAL OĠĠETTI B'UŻU DOPPJU; JAGĦTU AWTORIZZAZZJONIJIET SKONT IR-REGOLAMENT GĦALL-FORNIMENT TA' SERVIZZI TA' SENSERIJA U ASSISTENZA TEKNIKA; JIPPROJBIXXU T-TRANŻITU TA' OĠĠETTI MHUX TAL-UNJONI SKONT IR-REGOLAMENT)

L-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika l-lista ta' awtoritajiet li għandhom is-setgħa li:

— jagħtu awtorizzazzjonijiet ta' esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju;

— jagħtu awtorizzazzjonijiet skont dan ir-Regolament għall-forniment ta' servizzi ta' senserija u assistenza teknika;

— jipprojbixxu t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju mhux tal-Unjoni skont ir-Regolament.

## 10.1. **Il-Belġju**

*Għar-Reġjun tal-Kapitali Brussell (il-lokalitajiet bil-kodiċi postali 1000 sa 1299)*

Service Public Régional de Bruxelles Brussels International -
Cellule licences - Cel vergunningen
Is-Sur Cataldo ALU
City-Center
Boulevard du Jardin Botanique 20
1035 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 2 8003727
Faks +32 2 8003824
Email: calu@sprb.brussels
Sit web: http://international.brussels/qui-sommes-nous/#permits-unit

Għar-*Reġjun ta' Walloon (il-lokalitajiet bil-kodiċi postali 1300 sa 1499 u 4000 sa 7999)*

Service public de Wallonie
Direction Générale de l'Économie, de l'Emploi et de la Recherche
Direction des Licences d'Armes
Is-Sur Michel Moreels
Chaussée de Louvain 14
5000 Namur
BELGIQUE
Tel. +32 81 649751
Faks +32 81 649759/60
Email: licences.dgo6@spw.wallonie.be
Sit web: http://economie.wallonie.be/Licences_armes/Accueil.html

*Għar-Reġjun ta' Flanders (il-lokalitajiet bil-kodiċi postali 1500 sa 3999 u 8000 sa 9999)*

Flemish Department of Foreign Affairs
Strategic Goods Control Unit
Is-Sur Michael Peeters
Havenlaan 88, bus 80
1000 Brussel
BELGIË Tel.
+32 499 58 99 34
Email: csg@buza.vlaanderen
Sit web: www.fdfa.be/csg

## 10.2. **Il-Bulgarija**

Interministerial Commission for Export Control and Non-Proliferation of Weapons of Mass Destruction with the Minister for Economy
1000 Sofia
8 Slavyanska Str.
BULGARIA
Tel. +359 29407771, +359 29407786
Faks +359 29880727
Email: ivan.penchev@mi.government.bg u n.grahovska@mi.government.bg
Sit web: www.exportcontrol.bg; http://www.mi.government.bg

## 10.3. **Ir-Repubblika Ċeka**

Ministry of Industry and Trade Licensing Office
Na Františku 32 110 15 Prague 1
CZECH REPUBLIC
Tel. +420 224907638

Faks +420 224214558 jew +420 224221811
Email: leitgeb@mpo.cz jew dual@mpo.cz
Sit web: www.mpo.cz

10.4. **Id-Danimarka**

Exportcontrols
Danish Business Authority
Langelinie Allé 17
2100 Copenhagen
DENMARK
Tel. +45 3529 1000
Faks +45 3546 6632
Email: eksportkontrol@erst.dk
Sit web: bl-Ingliż: www.exportcontrols.dk; bid-Daniż: www.eksportkontrol.dk

10.5. **Il-Ġermanja**

Federal Office for Economic Affairs and Export Control *(Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle)*
Frankfurter Strasse 29-35 65760 Eschborn
GERMANY
Tel. +49 6196908-0
Faks +49 6196908-1800
Email: ausfuhrkontrolle@bafa.bund.de
Sit web: http://www.bafa.de/Ausfuhr

10.6. **L-Estonja**

Strategic Goods Commission, Ministry of Foreign Affairs Islandi väljak 1 15049 Tallinn
ESTONIA
Tel. +372 6377192
Faks +372 6377199
Email: stratkom@vm.ee
Sit web: bl-Ingliż: http://www.vm.ee/?q=en/taxonomy/term/58;
bl-Estonjan: http://www.vm.ee/?q=taxonomy/term/50

10.7. **L-Irlanda**

Trade Licensing and Control Unit
Department of Business, Enterprise and Innovation
Earlsfort Centre
Lower Hatch Street
Dublin 2
IRELAND
Kuntatt: David Martin, Niamh Guihen Tel.
Tel. +353 16312328, +353 16312287
Email: david.martin@dbei.gov.ie - niamh.guihen@dbei.gov.ie -
exportcontrol@dbei.gov.ie
Sit web: https://www.djei.ie/en/What-We-Do/Trade-Investment/Export-Licences/

10.8. **Il-Greċja**

Ministry of Foreign Affairs
General Secretariat of International Economic Relations and Openness
B6 Directorate for Multilateral Economic Relations and Trade Policy
Kornarou 1 Street
10563 Athens
Il-Greċja
Tel. +30 210-3286036/49/51
Email: andreopoulou.dimitra@mfa.gr ; skourti.hara@mfa.gr ; skourt.katerina@mfa.gr

10.9. **Spanja**

Is-Segretarjat Ġenerali għall-Kummerċ Barrani (Secretaría General de Comercio Exterio), id-Dipartiment tad-Dwana (Agencia Tributaria - Aduanas) u l-Ministeru tal-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin (Ministerio de Asuntos Exteriores, Unión Europea y Cooperación) huma l-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jagħtu liċenzji u li jiddeċiedu li jipprojbixxu t-tranżitu ta' oġġetti non-Komunitarji b'użu doppju.

Punt ta' kuntatt fl-Uffiċċju tal-Liċenzji: Is-Sur Ramón Muro Martínez. Subdirettur Ġenerali.
Ministerio de Industria, Comercio y Turismo
Paseo de la Castellana, 162, 7a 28046 Madrid
SPAIN
Tel. +34 913492587
Faks +34 913492470
Email: rmuro@mincotur.es; sgdefensa.sscc@comercio.mineco.es
Sit web: http://www.comercio.gob.es/es-ES/comercio-exterior/informacion-sectorial/material-de-defensa-y-de-doble-uso/Paginas/conceptos.aspx

10.10. **Franza**

Ministère de l'Économie et des Finances
Direction Générale des Enterprises
Service des biens à double usage (SBDU)
67, rue Barbès – BP 80001
94201 Ivry-sur-Seine Cedex
FRANCE
Tel. +33 1 79 84 34 19
Email: doublusage@finances.gouv.fr
Sit web: https://www.entreprises.gouv.fr/biens-double-usage

10.11. **Il-Kroazja**

Ministry of Foreign and European Affairs
Directorate for Economic Affairs and Development Coordination
Export Control Division
Trg N. Š. Zrinskog 7-8
10000 Zagreb
Il-Kroazja
Punt ta' kuntatt: Vesna Focht, Silvija Šplajt
Tel. +385 1 4598 123, 122
Faks +385 1 4597 788
Email: kontrola.izvoza@mvep.hr
Sit web: http://gd.mvep.hr/hr/kontrola-izvoza/

10.12. **L-Italja**

Ministry of Foreign Affairs and International Cooperation
National Authority – UAMA (Unit for the Authorizations of Armament Materials)
Viale Boston, 25
00144 Roma
ITALY
Tel. +39 0659932439
Faks +39 0659932103
Email: uama.dualuse@esteri.it ; uama.dualuse@cert.esteri.it ; roberto.orlando@esteri.it
Sit web: https://www.esteri.it/mae/it/ministero/struttura/uama/legislazione.html

10.13. **Ċipru**

Ministry of Energy, Commerce and Industry 6, Andrea Araouzou 1421 Nicosia
CYPRUS
Tel. +357 22867100, 22867197
Faks +357 22375120, 22375443
Email: pevgeniou@meci.gov.cy
Sit web: http://www.meci.gov.cy/MECI/trade/ts.nsf

10.14. **Il-Latvja**

Control Committee for Strategic Goods
Il-President tal-Kumitat: Is-Sur Andris Pelšs
Is-Segretarju Eżekuttiv: Is-Sur Nauris Rumpe
Ministry of Foreign Affairs
3, K. Valdemara street
Riga, LV-1395
LATVIA
Tel. +371 67016426
Email: nauris.rumpe@mfa.gov.lv
Sit web: https://www.mfa.gov.lv/tautiesiem-arzemes/aktualitates-tautiesiem/20440-strategiskas-nozimes-precu-kontrole?lang=lv-LV

10.15. **Il-Litwanja**

L-awtorità li għandha s-setgħa li tagħti awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju u l-awtoritajiet li għandhom is-setgħa li jagħtu awtorizzazzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' senserija:

Ministry of Economy and Innovation of the Republic of Lithuania
Gedimino ave. 38/Vasario 16 st.2 LT-01104 Vilnius
LITHUANIA
Dettalji ta' kuntatt:
Export Policy Division
Economic Development Department Tel.
Tel. +370 70664680
Email: vienaslangelis@eimin.lt
Sit web: http://eimin.lrv.lt/lt/veiklos-sritys/eksportas/strateginiu-prekiu-kontrole

L-awtorità li għandha s-setgħa li tipprojbixxi t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju non-Komunitarji:

Customs Department under the Ministry of Finance of the Republic of Lithuania
A. Jaksto str. 1/25 LT- 01105 Vilnius
LITHUANIA
Dettalji ta' kuntatt:
Customs Criminal Service Tel.
Tel. +370 52616960
Email: budetmd@lrmuitine.lt

10.16. **Il-Lussemburgu**

1) Ministru responsabbli għall-Kummerċ Barrani

2) Ministru responsabbli għall-Affarijiet Barranin

Indirizz postali

Ministère de l'Economie
Office du contrôle des exportations, importations et du transit (OCEIT)
19-21 Boulevard Royal
L-2449 Luxembourg
+352 22 61 62 Faks:
Email: oceit@eco.etat.lu

10.17. **L-Ungerija**

Government Office of the Capital City Budapest
Department of Trade, Defence Industry, Export Control and Precious Metal Assay
Export Control Unit
Németvölgyi út 37-39.
1124 Budapest
HUNGARY
Tel. +36 14585577
Faks +36 14585869
Email: exportcontrol@bfkh.gov.hu
Sit web: http://mkeh.gov.hu/haditechnika/kettos_felhasznalasu

10.18. **Malta**

Commerce Department Mr Brian Montebello Trade Services
MALTA
Tel. +356 25690214
Fax +356 21240516
Email: brian.montebello@gov.mt
Sit web: https://commerce.gov.mt/en/Trade_Services/Imports%20and%20Exports/Pages/DUAL%20USE/DUAL-USE-TRADE-CONTROLS.aspx

10.19. **In-Netherlands**

Ministry for Foreign Affairs
Directorate-General for International Relations
Department for Trade Policy and Economic Governance
PO Box 20061 2500 EB The Hague
THE NETHERLANDS
Tel. +31 703485954
Dutch Customs/Central Office for Import and Export PO Box 30003 9700 RD Groningen,
THE NETHERLANDS
Tel. +31 881512400
Fax +31 881513182
Email: DRN-CDIU.groningen@belastingdienst.nl
Sit web: www.rijksoverheid.nl/exportcontrole

10.20. **L-Awstrija**

Federal Ministry of Digital and Economic Affairs
Division for Foreign Trade Administration
Stubenring 1 1010 Vienna
AUSTRIA
+43 171100802335
Faks +43 171100808366
Email: POST.III2_19@bmdw.gv.at
Sit web: http://www.bmdw.gv.at/pawa

10.21. **Il-Polonja**

Ministry of Entrepreneurship and Technology
Department for Trade in Strategic Goods and Technical Safety
PL. Trzech Krzyzy 3/5- 507 Warszawa
POLAND
Tel. +48 22 262 96 65
Faks +48 22 2629140
Email: SekretariatDOT@mpit.gov.pl
Sit web: https://www.gov.pl/web/przedsiebiorczosc-technologia/zezwolenia-na-obrot-produktami-podwojnego-zastosowania

10.22. **Il-Portugall**

Autoridade Tributária e Aduaneira
Customs and Taxes Authority
Rua da Alfândega, 5
1049-006 Lisboa
PORTUGAL
Direttur: Luísa Nobre; Uffiċjal tal-Liċenzji: Maria Oliveira Tel.
Tel. +351 218813843
Fax +351 218813986
Email: dsl@at.gov..pt
Sit web: http://www.dgaiec.min-financas.pt/pt/licenciamento/bens_tecnologias_duplo_uso/bens_tecnologias_duplo_uso.htm

10.23. **Ir-Rumanija**

Ministry of Foreign Affairs
Department for Export Controls — ANCEX
Str. Polonă nr. 8, sector 1
010501, Bucureşti
ROMANIA
Tel. +40 374306950
Faks +40 374306924
Email: dancex@mae.ro ; dan.marian@mae.ro
Sit web: www.ancex.ro

10.24. **Is-Slovenja**

Ministry of Economic Development and Technology
Kotnikova ulica 5
SI-1000 Ljubljana
SLOVENIA
Tel. +386 14003564
Fax +386 14003283
Email: gp.mgrt@gov.si
Sit web: https://www.gov.si/podrocja/podjetnistvo-in-gospodarstvo/mednarodno-gospodarsko-sodelovanje/

10.25. **Is-Slovakkja**

Għall-finijiet tal-Artikolu 9(6)(a) u l-Artikolu 10(4) tar-Regolament:

Ministry of Economy of the Slovak Republic
Department of Trade Measures
Mlynské nivy 44/a
827 15 Bratislava 212
SLOVAKIA
Tel. +421 248544059
Fax +421 243423915
Email: Monika.Maruniakova@mhsr.sk
Sit web: www.economy.gov.sk

Għall-finijiet tal-Artikolu 9(6)(b) tar-Regolament:

Criminal Office of the Financial Administration
Department of Drugs and Hazardous materials
Coordination Unit
Bajkalská 24
824 97 Bratislava
SLOVAKIA
Tel. +421 2 58251221
Email: Jozef.Pullmann@financnasprava.sk

10.26. **Il-Finlandja**

Ministry for Foreign Affairs of Finland
Export Control Unit
Merikasarminkatu 5F
FI - 00160 HELSINKI
Indirizz postali:
P.O.Box 176
FI-00023 GOVERNMENT
FINLAND
Tel. +358 295 350 000
Email: vientivalvonta.um@formin.fi
Sit web: http://formin.finland.fi/vientivalvonta

10.27. **L-Iżvezja**

1. Inspectorate of Strategic Products (ISP) Inspektionen för strategiska produkter

   Indirizz fiżiku: Vretenvägen 13B, Solna
   Indirizz postali: Kaxxa Postali 6086,
   SE-171 06 Solna
   SWEDEN
   Tel. +46 84063100
   Fax +46 84203100
   Email: registrator@isp.se.
   Sit web: http://www.isp.se/

   ISP għandha s-setgħa li tagħti awtorizzazzjonijiet fil-każijiet kollha ħlief dawk elenkati taħt 2 hawn taħt

2. Swedish Radiation Safety Authority (Strålsäkerhetsmyndigheten) Taqsima tan-Non-proliferazzjoni Nukleari u s-Sigurtà.

   Solna strandväg 96 SE-171 16 Stockholm
   SWEDEN
   Tel. +46 87994000
   Fax +46 87994010
   Email: registrator@ssm.se
   Sit web: http://www.ssm.se

   L-Awtorità Żvediża għas-Sigurtà Radjoloġika (Swedish Radiation Safety Authority) għandha s-setgħa li tagħti awtorizzazzjonijiet u tipprojbixxi t-tranżitu tal-prodotti fil-Kategorija 0 tal-Anness 1 tar-Regolament.

# V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Il-Każ M.10574 - ADVENT / CALDIC)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 66/05)

1. Fil-31 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Advent International Corporation u / jew l-affiljati tagħha ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Caldic Holdco B.V. ("Caldic", in-Netherlands).

Advent takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Caldic kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Advent hija investitur ta' ekwità privata bbażata f'Boston, l-Istati Uniti tal-Amerka, li tiffoka fuq l-akkwist ta' ishma azzjonisti u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi l-industrija, it-teknoloġija, il-bejgħ bl-imnut, il-konsumatur u d-divertiment, il-kura tas-saħħa, u n-negozju u s-servizzi finanzjarji,

— Caldic hija fornitur internazzjonali ta' xjenzi tal-ħajja b'valur miżjud u soluzzjonijiet kimiċi speċjalizzati li jservu lill-klijenti fis-setturi tax-xjenza tal-ħajja u tal-industrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10574 - ADVENT / CALDIC

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10570 - ADVENT / PERMIRA / MCAFEE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 66/06)

1. Fil-31 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("Permira", ir-Renju Unit),

— Advent International Corporation ("Advent", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— McAfee Corp. ("McAfee", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Permira u Advent jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' McAfee. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Permira: il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil għadd ta' fondi ta' investiment. Permira tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— Advent: l-akkwist ta' ishma ta' ekwità u l-ġestjoni ta' fondi ta' investiment f'diversi setturi, inklużi l-kura tas-saħħa, l-industrija, it-teknoloġija, il-bejgħ bl-imnut, il-konsumatur u d-divertiment, u s-servizzi tan-negozju u finanzjarji.

— McAfee: il-forniment ta' soluzzjonijiet avvanzati ta' sigurtà lill-konsumaturi. McAfee hija attiva fid-disinn u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi ta' sigurtà ffukati b'mod partikolari biex ikun żgurat li l-apparat imqabbad mal-internet ikun protett minn kontenut malizzjuż.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10570 - ADVENT / PERMIRA / MCAFEE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT